

Rapport Speċjali

Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

TIM TAL-AWDITJAR

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditjari li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkun għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Nikolaos Milionis, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Phil Wynn Owen, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Gareth Roberts, Kap tal-Kabinett u Olivier Prigent, Attaché tal-Kabinett; Robert Markus, Maniġer Prinċipali; Bertrand Tanguy, Kap tal-Komputu; Marco Bridgford, Katharina Bryan, Ingrid Ciabatti, Laure Gatter, Victoria Gilson, Jan Kubat, Liia Laanes u Radostina Simeonova, Awdituri. Hannah Critoph ipprovdiet appoġġ lingwistiku filwaqt li Annette Zimmerman ipprovdiet appoġġ segretarjali.



Mix-xellug għal-lemin: Ingrid Ciabatti, Phil Wynn Owen, Victoria Gilson, Laure Gatter, Bertrand Tanguy, Annette Zimmerman, Hannah Critoph, Olivier Prigent, Katharina Bryan, Gareth Roberts, Liia Laanes

WERREJ

	Paragrafu
Glossarju	
Sommarju eżekuttiv	I - VIII
Introduzzjoni	1 - 24
Għaliex l-għargħar għandu importanza	1 - 3
Is-sinifikat tat-tibdil fil-klima	4 - 13
X'kienet qiegħda tagħmel l-UE?	14 - 24
Ambitu u approċċ tal-awditjar	25 - 31
Osservazzjonijiet	32 - 99
B'mod kumplessiv, id-Direttiva dwar l-Għargħar kellha effetti pożittivi ...	32 - 45
Id-Direttiva tejbet il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri	33 - 37
Id-Direttiva dwar l-Għargħar irriżultat fi progress fil-valutazzjoni tar-riskji ta' għargħar	38 - 40
Id-Direttiva dwar l-Għargħar ġiet ibbażata fuq xogħol preċedenti, inkluża l-kooperazzjoni eżistenti li ilha għaddejja bejn l-Istati Membri	41 - 43
L-Istati Membri wettqu attivitajiet biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-għargħar fost iċ-ċittadini	44 - 45
... iżda kien hemm ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament	46 - 60
L-oġettivi fil-Pjanijiet għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar ġeneralment mhumiex kwantifikati jew marbutin biż-żmien	47 - 49
Għall-azzjoni ppjanata relatata mal-għargħar ġew identifikati u żgurati fondi insuffiċjenti, u l-finanzjament għall-investimenti transkonfinali kien limitat	50 - 57
Il-proċeduri ta' klassifikazzjoni tal-proġetti għandhom ikunu marbutin aktar mill-qrib mal-prijoritajiet fl-FRMPs	58 - 60
Għalkemm l-Istati Membri bdew l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet tagħhom għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar, jeħtieġ li jsir xi titjib	61 - 76
<i>Data</i> : input ewlieni għall-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar	63 - 66

Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li sar ilhom żjara użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u mudelli biex ifasslu l-proġetti, jeħtieġ li jsir xi titjib	67 - 68
Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġeneralment irriżultat f'sinerġiji	69 - 70
Il-proġetti ta' infrastruttura ekoloġika għandhom bosta benefiċċji, iżda jistgħu jkunu diffiċli biex jitwettqu fil-prattika	71 - 76
Għad fadal xi sfidi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati fil-futur	77 - 99
Nuqqas ta' għarfien aġġornat dwar l-impatt potenzjali li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-inċidenza tal-għargħar	80 - 85
L-Istati Membri ġeneralment użaw <i>data</i> storika, li għandha r-riskju li ma tirriflettix riskji klimatiċi akbar	86 - 88
Fejn l-Istati Membri għażlu li jkollhom assigurazzjoni privata kontra l-għargħar, il-kopertura baqgħet baxxa	89 - 94
Ġew stabbiliti xi regolamenti dwar l-użu tal-art u l-ippjanar spazjali biex jimmitigaw ir-riskju ta' għargħar, iżda l-Istati Membri kellhom jieħdu azzjonijiet ulterjuri biex isir dan	95 - 99
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	100 - 115

Anness I – Tipi differenti ta' proġetti relatati mal-għargħar

Anness II – Eżempju ta' mapep ta' periklu u ta' riskju ta' għargħar

Ir-risposti tal-Kummissjoni

GLOSSARJU

Baċin tax-xmara: Il-porzjon tal-art li minnu l-ilma tax-xeba' kollu jgħaddi minn netwerk ta' xmajriet, xmajjar u lagi għal għol-baħar f'bokka waħda tax-xmara, estwarju jew delta.

Direttiva Qafas dwar l-Ilma: Id-Direttiva [2000/60/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Distretti tal-baċiri tax-xmajjar: L-unitajiet ewlenin għall-immaniġġjar tal-baċiri tax-xmajjar. Il-biċċa l-kbira mid-distretti tal-baċiri tax-xmajjar skont id-Direttiva dwar l-Għargħar jirriflettu dawk għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Għargħar għal għarrieda: L-għargħar għal għarrieda huwa subsett tal-għargħar mix-xita. Għargħar għal għarrieda huwa għargħar li l-livell tiegħu jitla' u jinżel malajr bi ftit li xejn jew mingħajr l-ebda twissija minn qabel, normalment minħabba xita qawwija li tinżel fuq żona relattivament żgħira.

Għargħar kostali: Għargħar ta' art kostali li tinsab fil-baxx, minn ilma li ġej mill-baħar, minn estwarji jew minn lagi kostali, li jirriżulta minn fenomeni bħal livelli estremi tal-marea, maltempati qawwijin, jew mill-azzjoni tal-mewġ.

Għargħar mix-xita: Għargħar ikkawżat minn xita qawwija li tgħerreq is-sistemi tad-drenaġġ naturali jew urbani saturati. L-ilma żejjed ma jkunx jista' jiġi assorbit u jnixxi 'l barra fit-toroq jew jiskula mal-għnub tal-għoljiet.

Għargħar mix-xmajjar: Għargħar li jseħħ meta sistema tad-drenaġġ naturali jew artifiċjali, bħal xmara, xmajra jew kanal tad-drenaġġ, taqbeż il-kapaċità tagħha.

Għargħar: Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jiddefinixxi għargħar bħala t-tifwir tal-konfini normali ta' xmajra jew korp ieħor tal-ilma, jew l-akkumulazzjoni ta' ilma fuq żoni li normalment ma jkunux mgħaddsa.

Immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar: Il-prattiki involuti fl-identifikazzjoni, l-analiżi u l-mitigazzjoni minn qabel tar-riskji ta' għargħar, b'enfasi fuq:

- Il-**prevenzjoni**: il-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata mill-għargħar, eż. billi tiġi pprojbata l-kostruzzjoni f'żoni suxxettibbli għall-għargħar.
- Il-**protezzjoni**: it-teħid ta' miżuri biex jitnaqqsu l-probabbiltà tal-għargħar jew l-impatt tal-għargħar f'post speċifiku, bħar-restawr tal-pjanuri tal-għargħar u l-artijiet mistagħdra.
- It-**tħejjija**: l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku dwar x'għandu jsir fil-każ ta' għargħar.

Infrastruttura ekoloġika: Netwerk ippjanat ta' spazji naturali jew seminaturali, f'ambjent urban jew rurali, maħsub biex jindirizza sfidi klimatiċi filwaqt li jappoġġa jew jirrestawra proċessi naturali u ekoloġiċi. Eżempju ta' infrastruttura ekoloġika, fil-kuntest ta' dan ir-rapport, huwa r-restawr ta' pjanura tal-għargħar biex jiġi evitat l-għargħar ta' żoni vulnerabbli.

Periklu ta' għargħar: Il-probabbiltà li jseħħ avveniment ta' għargħar li jikkawża ħsara potenzjali matul perjodu partikolari.

Pjan għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (FRMP): Dokument li jstabbilixxi objettivi xierqa u miżuri għall-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tħejjija għall-għargħar. L-Istati Membri jstabbilixxu l-FRMPs u jikkoordinaw l-azzjoni ppjanata fil-livell tal-baċiri tax-xmara.

Żona b'riskju potenzjalment sinifikanti ta' għargħar (APSFR): Żoni identifikati bħala li jinsabu f'riskju potenzjalment sinifikanti ta' għargħar minħabba xmajjar, xita, ilma ta' taħt l-art, baħar u lagi naturali jew artifiċjali.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. L-għargħar jista' jikkawża korrimenti u telf ta' ħajja, spejjeż ekonomiċi konsiderevoli, u ħsara lill-ambjent u lill-wirt kulturali. Fl-Ewropa, l-għargħar serju sar aktar frekwenti. F'dawn l-aħħar snin, l-ammont ta' każijiet ta' għargħar għal għarrieda b'kobor minn medju sa kbir li ġew irreġistrati, aktar minn irdoppja meta mqabbel mal-każijiet irreġistrati lejn l-aħħar tas-snin tmenin. It-tibdil fil-klima huwa fattur aggravanti, li qed jikkawża bidliet fix-xejriet tal-preċipitazzjoni u tat-temp, żidiet fil-livell tal-baħar u, konsegwentement, għargħar aktar frekwenti u serju. Bosta fenomeni, bħall-erożjoni kostali, il-maltempati fuq il-baħar, kif ukoll il-mareat għoljin u l-irjieħ li jimbuttaw il-mareat fuq l-art, iżidu r-riskju ta' għargħar fiż-żoni kostali.

II. B'rispons għall-inċidenza dejjem akbar ta' għargħar, l-UE adottat id-Direttiva dwar l-Għargħar fl-2007. Taħt dan il-qafas, aħna kellna l-għan li niddeterminaw jekk il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tnejn għall-għargħar, skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, kinux ibbażati fuq analiżi soda u jekk kienx probabbli li l-approċċ meħud ikun effettiv.

III. Aħna sibna li, b'mod kumplessiv, din id-direttiva kellha effetti pożittivi, iżda li l-implimentazzjoni tal-azzjoni relatata mal-għargħar għandha ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament. L-Istati Membri kollha bdew l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar (FRMPs), iżda jeħtieġ li jsir xi titjib. Aħna osservajna li għad fadal sfidi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati fil-futur f'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni ferm aħjar tat-tibdil fil-klima, tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar u tal-ippjanar spazjali fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.

IV. Aħna sibna li d-Direttiva dwar l-Għargħar kienet tejbet il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tar-rwol superviżorju u ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u tal-grupp ta' ħidma ddedikat li ġie stabbilit bħala forum għall-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattiki. L-Istati Membri li żorna jirrikonoxxu r-rwol pożittiv li d-Direttiva dwar l-Għargħar kellha fl-istandardizzazzjoni tal-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar. Id-Direttiva ġiet ibbażata wkoll fuq xogħol eżistenti, b'mod partikolari l-kooperazzjoni li ilha għaddejja bejn l-Istati Membri, u

kienet tirrikjedi li dawn tal-aħħar iwettqu attivitajiet biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-għargħar fost ċerti ċittadini.

V. Is-sorsi ta' finanzjament fl-FRMPs ġew identifikati u żgurat biss parzjalment, u l-finanzjament għall-investimenti transkonfinali kien limitat. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' klassifikazzjoni għad-distribuzzjoni ta' dawn ir-riżorsi limitati ġeneralment kienu jippreżentaw ċerti dgħufijiet u ma kinux jallokaw il-flus skont il-prijoritajiet stabbiliti.

VI. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proġetti relatati mal-għargħar, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji sabiex jiksbu l-aħjar valur għall-flus, iżda aħna sibna ċerti dgħufijiet fl-użu tagħhom. Ingħatat attenzjoni biex tiġi żgurata l-konformità tal-proġetti mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, iżda jeħtieġ li xi Stati Membri jagħmlu aktar sforzi f'dan ir-rigward. Il-proġetti ta' infrastruttura ekoloġika huma mezz kosteffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar, iżda l-pjanijiet ta' żewġ terzi tal-Istati Membri li saritilhom żjara ma kinux jiffukaw fuq l-infrastruttura ekoloġika.

VII. Fid-dawl tal-isfidi għall-ġejjieni, aħna sibna li l-Istati Membri li saritilhom żjara ma setgħux iqisu l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq il-kobor, il-frekwenza u l-post tal-għargħar. L-Istati Membri ġeneralment użaw *data* storika, li għandha r-riskju li ma tirriflettix il-kundizzjonijiet futuri tat-temp jew il-bidliet potenzjali fil-frekwenza u s-severità tal-għargħar. Fir-rigward tal-miżuri mhux strutturali relatati mal-għargħar, aħna sibna li, fejn l-Istati Membri kienu għażlu assigurazzjoni privata kontra l-għargħar, il-kopertura baqgħet baxxa. Ġew stabbiliti xi regolamenti dwar l-użu tal-art u l-ippjanar spazjali biex jimmitigaw ir-riskju ta' għargħar, iżda l-Istati Membri kellhom jieħdu azzjonijiet ulterjuri biex itejbuhom.

VIII. Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, aħna nirrakkomandaw lill-Kummissjoni biex:

- tivverifika li l-Istati Membri jtejbju l-obbligu ta' rendikont permezz ta' objettivi kwantifikabbli u marbutin biż-żmien għall-azzjoni relatata mal-għargħar fil-qafas tal-FRMPs;
- tivvaluta u tirrapporta dwar jekk l-Istati Membri jidentifikawx sorsi ta' finanzjament biex ikopru l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-FRMPs u jistabbilixxux skeda ta' żmien rilevanti; u titlob lill-Istati Membri biex iqisu flimkien l-investment transkonfinali potenzjali għall-miżuri relatati mal-għargħar għall-baċiri tax-xmajjar internazzjonali;

- tikkofinanzja biss miżuri relatati mal-għargħar li għalihom il-proġetti jiġu prijoritizzati abbażi ta' kriterji oġġettivi u rilevanti, bħal analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tkun ta' kwalità tajba, u, fejn ikun rilevanti, kriterju li jqis l-impatt transkonfinali tal-proġetti;
- tinforza l-konformità tal-infrastruttura l-ġdida kontra l-għargħar, li tkun ġiet proposta mill-Istati Membri fl-FMRPs, mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; u tivverifika li, kull meta jintalab kofinanzjament mill-UE, l-Istati Membri jkunu analizzaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ekoloġiċi kumplementari sinifikanti;
- tivverifika li l-FRMPs ikunu jinkludu miżuri biex isir titjib fl-għarfien u fl-immudellar tal-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-għargħar. Fl-eżaminar li hija twettaq tad-dokumenti meħtieġa għat-tieni ċiklu, tivverifika li l-Istati Membri jintegraw aħjar l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-protezzjoni, il-prevenzjoni u l-istat ta' tnejn għal riskju ta' għargħar; u tivverifika jekk l-Istati Membri ppjanawx azzjoni biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji ta' kopertura tal-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' għargħar u biex iżidu l-kopertura, eż. permezz ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar;
- tivverifika jekk l-Istati Membri jkunux użaw l-FRMPs tagħhom biex jivvalutaw il-punt sa fejn ir-regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art fl-Istati Membri jkunu allinjati mad-Direttiva dwar l-Għargħar, u tipprovdi prattiki tajbin u gwida lill-Istati Membri.

INTRODUZZJONI

Għaliex l-għargħar għandu importanza

1. L-għargħar jista' jikkawża korrimenti, telf ta' ħajja, spejjeż ekonomiċi konsiderevoli, ħsara lill-ambjent u l-wirt kulturali kif ukoll risistemazzjoni ta' persuni. Bħala eżempju, f'inqas minn ġimagħtejn bejn Mejju u Ġunju 2016, l-għargħar ikkawża l-mewt ta' mill-inqas 18-il ruħ u telf ta' aktar minn EUR 3.7 biljun f'disa' Stati Membri¹. F'Mejju u Ġunju 2013, avvenimenti simili ikkawżaw il-mewt ta' mill-inqas 26 ruħ u telf ta' aktar minn EUR 13-il biljun f'seba' Stati Membri².
2. Mill-1980 sal-2017, l-ispiża ekonomika tal-avvenimenti idroloġiċi fl-UE kollha kienet ta' madwar EUR 166 biljun. Dan l-ammont jirrappreżenta madwar terz tat-telf ikkawżat minn avvenimenti klimatoloġiċi³. F'xenarju ta' żamma tal-*istatus quo*⁴, il-ħsarat li jiġu kkawżati fl-UE kollha mill-għargħar, minħabba l-effett ikkombinat tat-tibdil fil-klima u l-bidliet ekonomiċi, huma mistennija li jiżdiedu minn EUR 7 biljun kull sena fil-perjodu ta' kontroll 1981-2010 għal EUR 20 biljun kull sena sas-snin 2020, għal EUR 46 biljun kull sena sas-snin 2050, u għal EUR 98 biljun kull sena sas-snin 2080⁵.

¹ Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

² Ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovakkja. Sors: [EM-DAT: The Emergency Events Database](https://www.emdat.be) (Id-Database tal-Avvenimenti ta' Emerġenza) (<https://www.emdat.be>), Université catholique de Louvain - CRED, D. Guha-Sapir, il-Belġju, u artikli minn [Dutch News](#) u [The Telegraph](#).

³ Rekords tal-ħsarat min-[NatCatSERVICE](#) ta' Munich Re. L-avvenimenti idroloġiċi jinkludu għargħar u movimenti tal-massa. L-avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima jinkludu maltempati, mewġiet ta' kesħa, mewġiet ta' sħana, nixfiet u nirien fil-foresti.

⁴ Dan bis-suppożizzjoni li d-difiżi attwali kontra l-għargħar mix-xmajjar se jibqgħu l-istess, sakemm il-probabbiltà li jseħħu avvenimenti ta' għargħar tibqa' taħt il-1 % f'sena partikolari.

⁵ COM(2015) 120 final tad-9.3.2015 "[Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar: Azzjonijiet favur l-"istatus tajjeb" tal-ilma tal-UE u biex jitnaqqsu r-riskji tal-għargħar](#)", p. 2; Rojas *et al.*, "[Climate change and river floods in the European Union: Socio-economic consequences and the costs and benefits of adaptation](#)" (It-tibdil fil-klima u l-għargħar mix-xmajjar fl-Unjoni Ewropea: Konsegwenzi soċjoekonomiċi kif ukoll l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-adattament), *Global*

3. Mill-1985 'l hawn, fl-Ewropa, l-avvenimenti ta' għargħar saru aktar frekwenti. Ix-xejra turi li, f'dawn l-aħħar snin, l-ammont ta' każijiet ta' għargħar għal għarrieda b'kobor⁶ minn medju sa kbir li ġew irreġistrati, aktar minn irdoppja meta mqabbel mal-każijiet irreġistrati lejn l-aħħar tas-snin tmenin⁷.

Is-sinifikat tat-tibdil fil-klima

4. Billi l-klima qed tinbidel, l-UE qed tesperjenza xita aktar qawwija, maltempati aktar ħorox u żieda fil-livelli tal-baħar. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)⁸, il-konsegwenzi tal-għargħar mix-xmajjar, mix-xita u kostali fl-Ewropa, b'mod ġenerali, se jaggravaw b'riżultat taż-żidiet fl-intensità u fil-frekwenza tal-għargħar, kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak reġjonali.

5. Ix-xejriet klimatiċi osservati u l-previżjonijiet klimatiċi futuri juru varjazzjonijiet reġjonali sinifikanti fl-ammont ta' xita fl-Ewropa kollha. Il-previżjonijiet juru żidiet fl-ammont ta' xita annwali fit-Tramuntana tal-Ewropa. F'xi partijiet tal-Ewropa, il-preċipitazzjoni fix-xitwa tista' tizzied b'aktar minn 25 % sal-aħħar 20 sena ta' dan is-seklu (ara l-***Figura 1***).


Environmental Change, il-Volum 23, il-Ħarġa 6, Diċembru 2013, pp. 1737-1751.
(<http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC85624>).

⁶ Il-kobor tal-għargħar huwa l-prodott tad-durata, is-severità u ż-żona milquta.

⁷ Ir-rekords tal-Osservatorju tal-Għargħar ta' Dartmouth għall-perjodu 1985-2009, li ġew aġġornati sal-2016 fil-Kunsill Konsultattiv Xjentifiku tal-Akkademji Ewropej "[Extreme weather events in Europe](#)" (Avvenimenti ta' temp estrem fl-Ewropa), Marzu 2018.

⁸ Ir-Rapport Nru 1/2016 tal-EEA, "[Flood risks and environmental vulnerability](#)" (Ir-riskji ta' għargħar u l-vulnerabbiltà ambjentali), pp. 38-41.

Figura 1 – Bidla fil-preċipitazzjoni staġonali, f'%, għall-perjodu 2071-2100, meta mqabbel mal-perjodu 1961-1990 (xenarju ta' żieda globali ta' 2°C)



Sors: "[Climate Impacts in Europe](#)" (Impatti Klimatiċi fl-Ewropa), il-proġett PESETA II tal-JRC, 2014. Data minn Dosio u Paruolo 2011, u minn Dosio *et al* 2012.

6. Jekk il-kapaċità tad-drenaġġ f'sistema tax-xmara ma tkunx biżżejjed biex tlaħħaq mal-volum ta' ilma li jiġi ġġenerat mix-xita, dan jirriżulta f'għargħar mix-xmajjar. Fi xmajjar kbar bħad-Danubju, ir-Renu jew l-Elbe, għargħar jista' jseħħ ħafna żmien wara x-xita, u jista' anke jdum ix-xhur⁹.
7. Fuq il-kosta Mediterranja tal-UE, madankollu, l-ammont ta' xita annwali totali jista' tonqos b'aktar minn 50 %¹⁰ sal-aħħar 20 sena ta' dan is-seklu. Perjodi itwal u aktar frekwenti mingħajr xita jistgħu jagħmlu ħsara lill-kopertura tal-art, u b'hekk jikkawżaw erożjoni u jżidu l-iskol matul il-maltempati¹¹.

⁹ SEC(2006) 66 tat-18.1.2006 "Commission staff working document - Annex to the Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on the assessment and management of floods - [Impact Assessment](#) - COM(2006) 15 final" (Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Anness tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tal-għargħar - Valutazzjoni tal-impatt - COM(2006) 15 finali, p. 8.

¹⁰ "[Climate Impacts in Europe](#)" (Impatti Klimatiċi fl-Ewropa), il-proġett PESETA II tal-JRC, 2014. Data minn Dosio u Paruolo 2011, u minn Dosio *et al* 2012.

¹¹ Trenberth, K., "[Changes in precipitation with climate change](#)" (Bidliet fil-preċipitazzjoni minħabba t-tidbil fil-klima), 2011.

8. Fl-Ewropa kollha, l-avvenimenti ta' xita huma probabbli li jsiru aktar qawwija¹². Xita li tkun ferm lokalizzata u qawwija ħafna tista' tirriżulta f'għargħar għal għarrieda. Dan jista' jikkawża mwiet u qerda estensiva¹², speċjalment fi bliet li ma jkollhomx sistema tad-drenaġġ adegwata. L-għargħar għal għarrieda qed isir dejjem aktar komuni, speċjalment fil-Mediterran u fil-muntanji¹³. Dan l-għargħar huwa aktar diffiċli biex jiġi pprevedut, billi huwa kkawżat minn dinamika meteoroloġika speċifika dovuta għall-kundizzjonijiet lokali, bħat-topografija, l-irjieħ u d-distanza mill-baħar. Tinħtiegħ riċerka speċifika biex jittejjeb it-tbassir ta' dawn l-avvenimenti (ara l-**Kaxxa 1**).

Kaxxa 1 – Riċerka meteoroloġika dwar l-għargħar għal għarrieda: il-Programm HyMeX

Il-Programm HyMeX jinvolti xjenzati minn 10 pajjiżi u għandu l-għan li jtejjeb il-fehim tagħna taċ-ċiklu tal-ilma fil-Baħar Mediterran, fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. Ir-riċerkaturi jiġbru *data* permezz ta' satelliti, ajruplani mgħammra bil-laser, blalen tal-ajru meteoroloġiċi, u radars biex jibnu mudelli li jibassru aħjar avvenimenti ta' temp estrem, speċjalment l-għargħar għal għarrieda, u jtejbu l-kapaċità ta' adattament.

9. Bosta fenomeni, bħall-erożjoni kostali, il-maltempati fuq il-baħar, il-mareat għoljin u l-irjieħ li jimbuttaw il-mareat fuq l-art, iżidu r-riskju ta' għargħar fiż-żoni kostali fl-UE. Iż-żidiet fil-livell tal-baħar li jiġu kkawżati mit-tibdil fil-klima jaggravaw dan ir-riskju (ara l-**Kaxxa 2**).

¹² L-IPCC, "[Managing the risks of extreme events and disasters to advance climate change adaption: special report of the Intergovernmental Panel on Climate Change](#)" (L-immaniġġjar tar-riskji ta' avvenimenti u diżastri estremi biex isir titjib fl-adattament għat-tibdil fil-klima: rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima), Cambridge University Press, New York, 2012.

¹³ Marchi, L., Borga, M., Preciso, E., Gaume, E., "[Characterisation of selected extreme flash floods in Europe and implications for flood risk management](#)" (Karatterizzazzjoni ta' każijiet estremi magħżula ta' għargħar għal għarrieda fl-Ewropa u implikazzjonijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar), Journal of Hydrology, 2010, il-Volum 394, pp. 118-133.

Kaxxa 2 – Il-livell tal-baħar u t-tibdil fil-klima

It-tibdil fil-klima¹⁴ qed iwassal għal żieda fil-livelli tal-baħar minħabba:

- l-espansjoni termali tal-ilma;
- it-tidwib tal-glaċieri tal-muntanji;
- it-tidwib tas-silġ fi Greenland u fl-Antartika.

B'riżultat ta' dan, mill-1993 'l hawn, iż-żieda globali annwali fil-livell tal-baħar laħqet medja ta' 2.6 sa 3.4 mm/sena. Iż-żieda fil-livell tal-baħar aċċellerat matul dawn l-aħħar 25 sena u hija mistennija li tkompli taċċellera¹⁵. Is-satelliti juru li r-rata ta' tidwib tal-kappa tas-silġ tal-Antartiku aċċellerat bit-triplu f'dawn l-aħħar ħames snin u din issa qed tgħib aktar malajr meta mqabbla ma kwalunkwe żmien irreġistrat qabel¹⁶.

10. Il-livelli tal-baħar mhumiex se jogħlew b'mod uniformi fl-UE kollha, iżda l-maġġoranza l-kbira tal-linji tal-kosta huma probabbli li, sa tmiem is-seklu, jesperjenzaw żieda fil-livell tal-baħar ta' aktar minn 30 cm meta mqabbel mal-perjodu 1986-2005, ibbażat fuq ix-xenarju tal-IPCC li jipprevedi żieda ta' 1.8°C fit-temperatura globali¹⁷ (ara l-**Figura 2**). Fix-xenarju ta' emissjonijiet għoljin (żieda ta' 3.7°C fit-temperatura sa tmiem is-seklu meta mqabbel mal-perjodu 1986-2005¹⁸), iż-żieda tista' tkun ta' bejn 45 u 82 cm.

¹⁴ Levermann, A., Clark, P.U., Marzeion, B., Milne, G.A., Pollard, D., Radic, V., Robinson, A., "[The multimillennial sea-level commitment of global warming](#)" (L-impenn multimillennjali għal-livell tal-baħar minħabba t-tiżhin globali), l-Istitut għar-Riċerka dwar l-Impatt tal-Klima ta' Potsdam, 2013.


¹⁵ Nerem, R.S., Beckley, B.D., Fasullo, J.T., Hamlington, B.D., Masters, D., Mitchum, G.T., "[Climate-change-driven accelerated sea-level rise detected in the altimeter era](#)" (Iż-żieda aċċellerata fil-livell tal-baħar, xprunata mit-tibdil fil-klima, li nstabet fl-era tal-altimetru), Proċedimenti tan-National Academy of Sciences of the United States of America, 12.2.2018, p. 4.

¹⁶ "[Mass balance of the Antarctic Ice Sheet from 1992 to 2007](#)" (Bilanċ tal-massa tal-Kappa tas-Silġ tal-Antartiku mill-1992 sal-2007), *Nature*, Ġunju 2018.

¹⁷ Żieda fit-temperatura sa tmiem is-seklu meta mqabbel mal-perjodu 1986-2005. Dan jirrappreżenta żieda ta' 2.4°C meta mqabbel mal-perjodu preindustrijali (1850-1900).

¹⁸ Dan jirrappreżenta żieda ta' 4.3°C meta mqabbel mal-perjodu preindustrijali (1850-1900).

Figura 2 – Bidla prevista fil-livell relattiv tal-baħar fl-UE għall-perjodu 2081-2100, meta mqabbel mal-perjodu 1986-2005 (xenarju ta' żieda globali ta' 1.8°C – RCP 4.5¹⁹)



Nota: L-ebda previżjoni mhi disponibbli għall-Baħar l-Iswed.

Sors: Ir-Rapport Nru 1/2017 tal-EEA, "[Climate change, impacts and vulnerability in Europe 2016: An indicator-based report](#)" (It-tibdil fil-klima, l-impatti u l-vulnerabbiltà fl-Ewropa 2016: Rapport ibbażat fuq l-indikaturi), adottat mill-IPCC, 2013 (il-Figura TS.23 (b)).

11. Iż-żieda prevista fil-livell tal-baħar u l-bidliet fil-frekwenza u fl-intensità tal-maltempati qawwijin huma mistennija li jikkawżaw ħsarat sinifikanti fiż-żoni kostali fl-Ewropa kollha²⁰. Dawn iż-żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni għandhom proporzjon sinifikanti ta' assi. Dan il-kombinament ta' riskji klimatiċi u ta' żoni utilizzati b'mod estensiv iżid il-kobor tat-telfiet

¹⁹ Il-Perkorsi Rappreżentattivi ta' Konċentrazzjoni (Representative Concentration Pathways- RCPs) huma trajettorji tal-konċentrazzjoni ta' gassijiet serra użati mill-IPCC. Sal-perjodu 2081-2100, l-RCP 4.5 huwa previst li jirriżulta f'żieda fit-temperatura tal-arja fis-superfiċje, meta mqabbel mal-perjodu 1986-2005, fi ħdan firxa probabbli ta' 1.1 sa 2.6°C (medja ta' 1.8°C). Dan jikkorrispondi għal firxa probabbli ta' 1.7 sa 3.2°C (medja ta' 2.4°C), meta mqabbel mal-perjodu 1850-1900 (perjodu preindustrijali).








²⁰ Ir-Rapport Nru 1/2017 tal-EEA, "[Climate change, impacts and vulnerability in Europe 2016: An indicator-based report](#)" (It-tibdil fil-klima, l-impatti u l-vulnerabbiltà fl-Ewropa 2016: Rapport ibbażat fuq l-indikaturi), p. 122.

potenzjali u jżid saff ieħor ta' kumplessità fl-immudellar tar riskju u tal-inċertezza fil-prezzijiet²¹.

12. Avvenimenti klimatiċi ta' kull tip, li jkunu aktar frekwenti, aktar qawwija u aktar dejjiema se jaggravaw ukoll ir-riskji kollha msemmija hawn fuq²². It-tidwib tal-glaċieri huwa probabbli li jdgħajjef il-kurrenti prinċipali tal-baħar, inkluż il Gulf Stream, u l-kurrenti tar-riħ, inkluż il-Jet Stream bejn l-Amerka u l-Ewropa²³. Dawn il-bidliet jistgħu jimmodifikaw ix-xejriet tat-temp fl-Ewropa, pereżempju jtawlu kwalunkwe perjodu ta' maltempati, xita jew nixfiet.

13. It-**Tabella 1** hawn taħt tiġbor fil-qosor il-fenomeni deskritti fil-**paraġrafi 5 sa 12** u l-impatt tagħhom fuq id-diversi tipi ta' għargħar.

Tabella 1 – Stampa ġenerali tal-fenomeni relatati mat-tibdil fil-klima u l-impatt tagħhom fuq l-għargħar

Fenomeni relatati mat-tibdil fil-klima	Impatt fuq is-severità ta' ...		
	L-għargħar mix-xmajjar	L-għargħar mix-xita	L-għargħar kostali
Aktar xita annwali f'xi partijiet tal-Ewropa, avvenimenti ta' xita aktar qawwija			
Inqas xita annwali f'postijiet oħra, iżda skol akbar u avvenimenti aktar qawwija			
Żieda fil-livell tal-baħar	 (estwarji)		
Avvenimenti estremi ta' kull tip, li jkunu aktar frekwenti, aktar qawwija u aktar dejjiema			

²¹ Moody's Investors Service, "[Climate change risks outweigh opportunities for property and casualty \(re\)insurers](#)" (Ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima huma akbar mill-opportunitajiet għall-assiguraturi/għar-riassiguraturi tal-proprjetà u tad-diżgrazzji), Sector In-Depth, Marzu 2018.

²² Behrens, A., Georgiev, A., Carraro, M., "[Future Impacts of Climate Change across Europe](#)" (Impatti Futuri tat-Tibdil fil-Klima fl-Ewropa kollha), 2010.


²³ Konrad, H., *et al.*, "[Net retreat of Antarctic glacier grounding lines](#)" (L-irtirar nett tal-linji tal-ilma tal-glaċieri tal-Antartika), *Nature Geoscience* 11, pp. 258-262, April 2018; Tilling, R.L., *et al.*, "[Estimating Arctic sea ice thickness and volume using CryoSat-2 radar altimeter data](#)" (Stima tal-ħxuna u l-volum tas-silġ tal-Baħar Artiku bl-użu ta' data miġbura bl-altimetru tar-radar CryoSat 2), *Advances In Space Research*, il-Volum 62, 2018.

X'kienet qiegħda tagħmel l-UE?

X'soluzzjonijiet jeżistu għall-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tħejjija għall-għargħar?

14. B'rispons għall-għargħar serju li seħħ fl-Ewropa Ċentrali u fin-Nofsinhar ta' Franza fl-2002, l-UE adottat id-Direttiva dwar l-Għargħar²⁴ tal-2007, biex tikkordina l-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tħejjija għall-għargħar fi ħdan u bejn l-Istati Membri, fil-livell tal-baċiri tax-xmara. L-għargħar jiġi ttrattat l-aħjar fil-livell tal-baċiri, b'firxa ta' miżuri li jillimitaw l-iskol, inaqqsu r-ritmu tal-fluss tax-xmajjar, iħallu l-għargħar jespandi f'art naturali u agrikola, jipproteġu l-assi vulnerabbli (ara l-miżuri li ttieħdu fil-livell tal-baċiri tax-xmara fil-**Figura 3**) u ma jaggravawx l-għargħar 'l isfel kif titlob id-Direttiva dwar l-Għargħar (ara l-eżempju ta' approċċ li ttieħed biex jiġi evitat l-għargħar 'l isfel fil-**Figura 4**).

Figura 3 – Eżempju ta' mmaniġġjar ikkoordinat tal-għargħar fil-livell tal-baċir tax-xmara



Sors: II-QEA.

²⁴ Id-Direttiva [2007/60/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

15. L-infrastruttura ekoloġika u l-infrastruttura griża, kif deskritti hawn taħt, jistgħu jintużaw flimkien biex isolvu problemi relatati mal-għargħar fil-livell tal-baċiri tax-xmara, kif jidher ukoll fil-**Figuri 3 u 4**:

- Is-soluzzjonijiet tradizzjonali għall-protezzjoni kontra l-għargħar jinkludu digi, imbankmenti, kanali, difiżi u barrieri kontra l-maltempati qawwijin ingenerali²⁵. Dawn it-tekniki, li ta' spiss ikunu magħmulin mill-konkrit, jissejġu **infrastruttura griża**.
- Il-pjanuri tal-għargħar, l-artijiet mistagħdra jew ir-riserpeġġjament tax-xmajjar jistgħu jnaqqsu l-impatt tal-għargħar. Dawn is-soluzzjonijiet jissejġu **infrastruttura ekoloġika**. Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Għargħar, l-FRMPs għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ż-żoni li għandhom il-potenzjal li jżommu l-ilma tal-għargħar, bħal pjanuri naturali tal-għargħar.

16. Minbarra l-infrastruttura strutturali griża u dik ekoloġika (ara l-**Annex I**), soluzzjonijiet oħra jistgħu jnaqqsu l-esponiment tan-nies u l-assi għall-għargħar. Dawn jinkludu l-ippjanar tal-użu tal-art²⁶, l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni²⁷ u l-assigurazzjoni. Aħna nirreferu għalihom bħala **miżuri mhux strutturali**.

²⁵ Ir-Rapport Nru 14/2017 tal-EEA, "[Green Infrastructure and Flood Management - Promoting cost-efficient flood risk reduction via green infrastructure solutions](#)" (Infrastruttura Ekoloġika u Mmaniġġjar tal-Għargħar - Promozzjoni tat-tnaqqis kosteffiċjenti tar-riskju ta' għargħar permezz ta' soluzzjonijiet infrastrutturali ekoloġiċi).

²⁶ L-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Għargħar jirrikjedi li l-pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar jieħdu kont ta' dawn l-aspetti, fejn ikun rilevanti.


²⁷ L-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-Għargħar jirrikjedi li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dokumenti ewlenin imsemmija fil-**Kaxxa 3**, u jħeġġu l-involviment attiv tal-partijiet interessati fil-produzzjoni, fl-eżaminar u fl-aġġornament tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.

Figura 4 – Stampa ta' approċċ biex jiġi evitat l-għargħar 'l isfel

Sitwazzjoni inizjali:
Għargħar ta' villaġġ
fin-naħa ta' fuq tax-
xmara



Imbankmenti ġodda
li jipproteġu l-villaġġ
li jinsab 'il fuq iżda li
jiġġeneraw għargħar
f'villaġġ li jinsab 'l
isfel



Imbankment ġdid
ikkumplimentat
b'polder, li jipproteġi
ż-żewġ villaġġi,
kemm dak li jinsab 'il
fuq kif ukoll dak li
jinsab 'l isfel



Sors: L-Agence française pour la biodiversité – Graphies.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri

17. Fi ħdan il-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent għandu rwol ta' koordinazzjoni u superviżorju għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar. Huwa għandu wkoll is-setgħa li jibda proċeduri ta' ksur f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri. Direttorati Ġenerali oħra tal-Kummissjoni wkoll jintervjenu fl-implimentazzjoni ta' azzjoni relatata mal-għargħar, prinċipalment id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u d-Direttorat għall-Politika Reġjonali u Urbana, permezz

tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt il-ġestjoni kondiviża tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE²⁸) (ara l-**paragrafu 21**).

18. Il-Kummissjoni biħsiebha tiffinalizza l-evalwazzjoni tagħha tal-leġislazzjoni relatata mal-ilma fl-2019, sabiex tidderieġi l-iżviluppi futuri fil-politika tal-UE dwar l-ilma, inkluż l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.

19. L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni reali tad-Direttiva dwar l-Għargħar biex jimmaniġġjaw ir-riskju relatat ma' dan is-suġġett. Għal din il-fini, l-Istati Membri ħatru awtoritajiet inkarigati mid-distretti tal-baċiri tal-xmajjar. Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jivvalutaw ir-riskju ta' għargħar għall-art kollha li normalment ma tkunx koperta mill-ilma, jiddeterminaw il-kobor tal-għargħar li seħħ fil-passat u jipprevdu dak tal-għargħar li x'aktarx se jseħħ fil-futur, jimmappjaw l-assi u l-persuni vulnerabbli, u jieħdu miżuri biex inaqqsu r-riskju ta' għargħar (ara l-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3 – Id-Direttiva dwar l-Għargħar tirrikjedi li l-Istati Membri jipproduċu dawn li ġejjin:

- 1) **Valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar**, li kellhom jiġu kkompletati sa Diċembru 2011, jiddeskrivu l-għargħar sinifikanti li seħħ fil-passat u avvenimenti simili li jistgħu jseħħu fil-futur;
- 2) **Mapep ta' periklu u ta' riskju ta' għargħar**²⁹, li kellhom jiġu kkompletati sa Diċembru 2013, juru fejn għargħar partikolari jista' jkollu konsegwenzi negattivi;
- 3) **Pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar** (FRMPs), li kellhom jiġu kkompletati sa Diċembru 2015 u huma applikabbli għall-perjodu 2016-2021, jiddefinixxu miżuri għall-prevenzjoni, il-protezzjoni kontra u t-tħejjija għall-għargħar.

20. Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jikkoordinaw il-prattiki tagħhom ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar fil-livell tal-baċiri tax-xmajjar transnazzjonali u jevitaw

²⁸ Dawn jirreferu għall-ħames fondi prinċipali tal-UE, inklużi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FAEŻR), li flimkien jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha.

²⁹ Ir-rapporti li jivvalutaw il-mapep tal-għargħar f'kull Stat Membru tal-UE huma disponibbli fuq is-sit [web tal-Kummissjoni](http://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/overview.htm), id-DĠ ENV (http://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/overview.htm).

miżuri li jżidu r-riskju ta' għargħar f' pajjiżi ġirien. L-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tal-FRMPs skont id-Direttiva jkopri l-perjodu 2016-2021; it-tieni ċiklu jkopri l-perjodu 2022-2027.

21. Għall-programmi tal-FSIE, taħt ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri jħejju dokumenti ta' programmazzjoni, li sussegwentement jiġu vvalutati u approvati mill-Kummissjoni. L-Istati Membri jfasslu, jimplementaw u jimmonitorjaw il-miżuri tal-programmi. Dawn il-programmi jistgħu jikkofinanzjaw azzjoni relatata mal-għargħar li tkun inkluża fl-FRMPs.

Fondi disponibbli fl-UE

22. In-nefqa għall-immaniġġjar tar-riskj ta' għargħar hija ffinanzjata kemm mill-baġits tal-Istati Membri kif ukoll mill-baġit tal-UE. Id-*data* dwar l-infiq relatat mal-għargħar ma tinġabarx u ma tiġix irrappurtata b'mod sistematiku, la fl-Istati Membri u lanqas fil-Kummissjoni Ewropea.

23. Wara li sar stħarriġ³⁰ dwar l-infiq relatat mal-għargħar fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni stmat li s-17-il Stat Membru li kellhom informazzjoni disponibbli kienu nefqu b'kollox **EUR 2.5 biljun** kull sena³¹, bħala medja fuq perjodu ta' erba' snin sal-2015, minn sorsi nazzjonali u dawk tal-UE.

24. L-ammonti ddedikati għall-għargħar taħt il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FAEŻR ma jistgħux jiġu kkwantifikati. L-infiq li sar taħt il-FEŻR u taħt il-Fond ta' Koeżjoni fil-perjodu 2014-2020 għall-adattament għat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji relatati mal-klima, li jkopru l-għargħar kif ukoll l-erożjoni, in-nirien, il-

³⁰ L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar, "[Flood Risk Management in the EU and the Floods Directive's 1st Cycle of Implementation \(2009-15\) - A questionnaire based report](#)" (L-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar fl-UE u l-Ewwel Ċiklu ta' Implimentazzjoni (2009-15) tad-Direttiva dwar l-Għargħar - Rapport ibbażat fuq kwestjonarju), p. 217.

³¹ Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit, il-Kummissjoni kkalkolat li, matul erba' snin, madwar EUR 10 biljun ġew investiti għat-tnaqqis tar-riskju ta' għargħar. Il-kalkolu kien ibbażat fuq itr-risposti li ngħataw għall-Mistoqsija 5.14 tal-kwestjonarju, p. 146.

maltempati u n-nixfa, kien jammonta għal madwar **EUR 6.3 biljun**³² jiġifieri, madwar EUR 0.9 biljun bħala medja kull sena. Parti mhux magħrufa biss minn dan l-ammont hija għalhekk rilevanti għall-għargħar. Stimi affidabbli tal-ammonti relatati mal-għargħar taħt il-FAEŻR mhumiex disponibbli.

AMBITU U APPROĊ TAL-AWDITJAR

25. Aħna kellna l-għan li niddeterminaw jekk il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' tnejn għall-għargħar, skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, kinux ibbażati fuq qafas sod u jekk kienx probabbli li l-approċ meħud ikun effettiv.

26. B'mod aktar speċifiku, aħna eżaminajna jekk id-Direttiva dwar l-Għargħar kellhiex effetti kumplessivi pożittivi fl-istabbiliment ta' qafas għall-azzjoni relatata mal-għargħar; jekk l-Istati Membri mmanigġjawx b'mod xieraq ir-riżorsi finanzjarji użati u implimentawx tajjeb l-FRMPs tagħhom; u jekk qisux b'mod adegwat xi wħud mill-isfidi sinifikanti futuri.

27. Aħna stabbilejna kriterji tal-awditjar ibbażati fuq dokumenti ta' politika u leġiżlazzjoni tal-UE, linji gwida, studji u pubblikazzjonijiet oħra tal-Kummissjoni, laqgħat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri³³, kif ukoll informazzjoni li ksibna minn missjoni pilota li wettaqna fin-Netherlands f'Settembru 2017. Aħna eżaminajna wkoll il-letteratura eżistenti u kkonsultajna esperti fl-oqsma tat-tibdil fil-klima u l-assigurazzjoni kontra l-għargħar.

28. Bejn Ottubru u Diċembru 2017, aħna wettaqna żjarat tal-awditjar f'baċiri tax-xmajjar magħżula fit-tmien Stati Membri li ġejjin: is-Slovenja, l-Italja, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija,

³² *Data* kif ġiet estratta fil-31.5.2018 mis-sit web [Cohesiondata.ec.europa.eu/EU-Level/ESIF-2014-2020](https://cohesiondata.ec.europa.eu/EU-Level/ESIF-2014-2020) (<https://cohesiondata.ec.europa.eu/EU-Level/ESIF-2014-2020-categorisation-ERDF-ESF-CF-planned/9fpg-67a4>).

³³ Fil-Lussemburgu u fi Franza.

il-Bulgarija, l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka³⁴. F'dawn il-baċiri³⁵, aħna spezzjonajna wkoll fuq il-post 31 proġett relatat mal-għargħar li kienu kofinanzjati³⁶, biex nivvalutaw il-konformità tagħhom mad-Direttiva dwar l-Għargħar u mal-FRMPs.

29. Aħna vvalutajna wkoll jekk il-Kummissjoni³⁷ kinitx żgurat implimentazzjoni adegwata tad-Direttiva dwar l-Għargħar u tal-azzjoni relatata mal-għargħar meħuda f'oqsma oħra ta' politika.

30. Billi l-infiq taħt l-FRMPs fil-perjodu 2016-2021 għadu fi stadju bikri, dan ir-rapport jiffoka fuq l-infiq ippjanat li huwa inkluż f'dawn il-pjanijiet u fil-programmi tal-FSIE. Għalhekk, ir-rapport ma jivvalutax l-effettività kumplessiva tal-miżuri ppjanati għall-ewwel ċiklu tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

³⁴ Aħna żorna l-baċiri tax-xmajjar li ġejjin:

- fis-Slovenja, il-baċir tax-xmara tad-Danubju u dak tat-Tramuntana tal-Adrijatiku (żewġ proġetti li saritilhom żjara);
- fl-Italja, il-baċir tax-xmara tal-Lvant tal-Alpi (tliet proġetti li saritilhom żjara);
- fi Spanja, il-baċir tax-xmara ta' Miño-Sil u dak tal-Galicia-Costa (tliet proġetti li saritilhom żjara);
- fil-Portugall, il-baċir tax-xmara ta' Minho u Lima (tliet proġetti li saritilhom żjara);
- fir-Rumanija, il-baċir tax-xmara ta' Arges-Vedea u dak ta' Dobrogea Litoral (erba' proġetti li saritilhom żjara);
- fil-Bulgarija, il-baċir tax-xmara tad-Danubju u dak tal-Baħar l-Iswed (erba' proġetti li saritilhom żjara);
- fl-Awstrija, il-baċir tax-xmara tad-Danubju (ħames proġetti li saritilhom żjara); u
- fir-Repubblika Ċeka, il-baċir tax-xmara tad-Danubju (erba' proġetti li saritilhom żjara).

³⁵ Inklużi l-baċiri tax-xmajjar fin-Netherlands fejn kellna l-missjoni pilota tagħna (tliet proġetti li saritilhom żjara).

³⁶ Aħna għażilna l-proġetti minn listi kkompilati mill-Istati Membri. L-għan tagħna kien li nżuru proġetti reċenti li jimplementaw diversi miżuri li jindirizzaw tipi differenti ta' għargħar.

³⁷ Aħna intervistajna uffiċjali mid-Direttorati Ġenerali (DG) tal-Kummissjoni li ġejjin: id-DG ENV, id-DG CLIMA, id-DG REGIO, id-DG AGRI, id-DG ECHO u d-DG FISMA.

31. Aħna eskludejna l-azzjoni ta' emerġenza u ta' rkupru mill-ambitu tax-xogħol tagħna, minħabba li diġà awditjajna dan il-qasam³⁸ u, fi kwalunkwe każ, din ma taqax taħt il-mandat tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

OSSERVAZZJONIJIET

B'mod kumplessiv, id-Direttiva dwar l-Għargħar kellha effetti pożittivi ...

32. Din it-taqsimha tivvaluta jekk id-Direttiva dwar l-Għargħar irnexxilhiex tistabbilixxi qafas li, billi huwa mibni fuq żviluppi eżistenti fl-Istati Membri u jinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, mexxa 'l quddiem il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar.

Id-Direttiva tejbet il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

33. Il-Kummissjoni eżaminat il-valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar u l-mapep ta' periklu u ta' riskju ta' għargħar li ntbagħtu mill-Istati Membri³⁹. L-FRMPs għadhom qed jiġu eżaminati. Dan ix-xogħol huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li għandu jiġi kkompletat sa Diċembru 2018, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar, b'kont meħud ukoll tat-tibdil fil-klima.

34. Il-Kummissjoni vverifikat il-mod⁴⁰ kif l-Istati Membri kienu ttrasponew id-Direttiva dwar l-Għargħar. F'Lulju 2018, il-Kummissjoni kienet għalqet il-proċeduri ta' ksur kollha li kienu relatati mat-traspożizzjoni; żewġ każijiet baqgħu, madankollu, miftuħin minħabba l-preżentazzjoni tardiva tal-FRMPs mill-Greċja u minn Spanja.

35. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar trid tkun ikkoordinata mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Il-Kummissjoni tiżgura prinċipalment din il-koordinazzjoni permezz ta'

³⁸ Ara, pereżempju, ir-Rapport Speċjali Nru 3/2008 [Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli biżżejjed?](http://eca.europa.eu) (<http://eca.europa.eu>).

³⁹ Ir-rapporti li jirriżultaw mill-eżaminar li jitwettaq mill-Kummissjoni huma disponibbli [online](http://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/overview.htm) (http://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/overview.htm).

⁴⁰ Dawn il-kontrolli li wettqet il-Kummissjoni huma magħrufa bħala kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità.

strateġija ta' implimentazzjoni komuni li tappoġġa ż-żewġ direttivi u, b'mod partikolari, permezz ta' Grupp ta' Ħidma dwar l-Għargħar, magħruf bħala l-Grupp ta' Ħidma F, fejn l-Istati Membri jikkondividu l-esperjenzi tagħhom.

36. Aħna sibna li l-Grupp ta' Ħidma F huwa forum ta' suċċess li permezz tiegħu l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkollaboraw flimkien⁴¹.

37. Id-Direttiva dwar l-Għargħar kienet tirrikjedi li r-responsabbiltajiet tal-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar ikunu għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, aħna sibna li l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri kienu żguraw tqassim ċar tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fost id-diversi korpi involuti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.


Id-Direttiva dwar l-Għargħar irriżultat fi progress fil-valutazzjoni tar-riskji ta' għargħar

38. Eżitu ewlieni tad-Direttiva dwar l-Għargħar kien l-istandardizzazzjoni tad-definizzjoni ta' riskju ta' għargħar. Ir-riskju ta' għargħar huwa l-probabbiltà li jseħħ avveniment ta' għargħar, flimkien mal-impatt tiegħu fuq in-nies, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-ekonomija. L-Istati Membri kollha li saritilhom żjara użaw dan l-approċċ biex jiddeterminaw ir-riskju ta' għargħar.

39. L-Istati Membri kollha li żorna kienu jikkonformaw mal-approċċ ta' ħames passi (ara l-**Figura 5**) mitlub mid-Direttiva dwar l-Għargħar għall-proċessi ta' valutazzjoni u ġestjoni tagħhom.

⁴¹ Pereżempju, f'dan il-forum, il-Kummissjoni u l-Istati Membri skambjaw informazzjoni dwar prattiki tajbin; żviluppi ta' politika, riċerka u proġetti; u approċċi ġodda biex isir titjib fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar fl-UE.

Figura 5 – L-approċċ ta’ ħames passi għall-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju mitlub mid-Direttiva dwar l-Għargħar



Sors: II-QEA.

40. Il-mapep ta' periklu juru l-kobor tal-għargħar għal diversi xenarji ta' probabbiltà. L-Istati Membri kollha li saritilhom żjara użaw it-tliet xenarji ta' probabbiltà mitluba mid-Direttiva dwar l-Għargħar: probabbiltà baxxa, probabbiltà medja u probabbiltà għolja. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tirrikjedi wkoll li, għal kull xenarju ta' probabbiltà, il-mapep ta' periklu jkunu juru, minbarra l-firxa tal-għargħar, il-fond tal-ilma (ara l-eżempju fl-**Anness II**) u, fejn ikun xieraq, il-veloċità tal-fluss. Dawn il-parametri huma kruċjali meta tkun qed tiġi vvalutata l-ħsara potenzjali tal-għargħar għall-assi u l-ħajja tal-bniedem, b'mod partikolari fil-każ ta' għargħar għal għarrieda. L-Istati Membri ħejjew mapep billi jużaw mudelli kumplessi, li kienu kkalibrati b'kejl fuq il-post (ara wkoll il-**paraqrafi 63 sa 67**).

Id-Direttiva dwar l-Għargħar għet ibbażata fuq xogħol preċedenti, inkluża l-kooperazzjoni eżistenti li ilha għaddejja bejn l-Istati Membri

41. Biex jiġi evitat ix-xogħol doppju, id-Direttiva dwar l-Għargħar tippermetti lill-Istati Membri li jużaw dokumenti eżistenti dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar. L-Italja u l-Portugall, pereżempju, użaw dokumenti eżistenti minflok ma wettqu valutazzjoni preliminari ġdida tar-riskju ta' għargħar, u dan żgura l-kontinwità tal-prattiki.

42. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tobbliga lill-awtoritajiet responsabbli biex jieħdu kont tal-aspetti transkonfinali f'kull stadju tal-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ppjanar (ara l-**Kaxxa 4**).

Kaxxa 4 – Kooperazzjoni transkonfinali: fokus kostanti tad-Direttiva dwar l-Għargħar

Valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar: fil-każ ta' distretti internazzjonali tal-baċiri tax-xmajjar, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni rilevanti.

Żoni b'riskju potenzjalment sinifikanti ta' għargħar (APFSR): l-Istati Membri għandhom jidentifikaw kwalunkwe APFSR f'distretti internazzjonali tal-baċiri tax-xmajjar.

Mapep ta' periklu ta' għargħar u mapep ta' riskju ta' għargħar: l-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni qabel it-tnejjija ta' mapep ta' periklu ta' għargħar u mapep ta' riskju ta' għargħar għal kwalunkwe APFSR transnazzjonali.

Pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar: dawn il-pjanijiet ma jridux jinkludu miżuri li jżidu b' mod sinifikanti r-riskji ta' għargħar 'il fuq jew 'l isfel f'pajjiżi oħra.

Sors: Il-QEA, abbażi tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

43. L-azzjoni transkonfinali relatata mal-għargħar hija bbażata fuq kooperazzjoni eżistenti li ilha għaddeja bejn l-Istati Membri u, fil-biċċa l-kbira, kienet tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' laqgħat bilaterali, il-komunikazzjoni ta' previżjonijiet idroloġiċi u l-armonizzazzjoni ta' standards tekniċi. L-Istati Membri li saritilhom żjara għadhom ma stabbilewx FRMPs internazzjonali fil-livell ta' distretti ta' baċiri internazzjonali, kif irrakkomandat fid-Direttiva dwar l-Għargħar⁴².

L-Istati Membri wettqu attivitajiet biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-għargħar fost iċ-ċittadini

44. L-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-pubbliku jżidu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar ir-riskji ta' għargħar. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tirrikjedi li l-Istati Membri jipubblikaw il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, il-mapep ta' periklu u ta' riskju

⁴² Żviluppi reċenti ġew irreġistrati f'dan ir-rigward, pereżempju bejn l-Awstrija u s-Slovenja, fejn il-Proġett DAMWARM (Drava And Mura Water and Risk Management - Ġestjoni tal-Ilma u r-Riskju fi Drava u Mura) għandu l-għan li jżviluppa sistema transnazzjonali u komuni ta' previżjoni tal-flussi tal-ilma. Dan il-proġett huwa mibni wkoll fuq it-tagħlimiet miksuba wara li f'Novembru 2012 seħħ avveniment ta' għargħar ta' 100 sena, li kkawża ħsarat totali li l-ammont stmat tagħhom kien ta' EUR 373 miljun fit-territorju Sloven kollu.

ta' għargħar u l-FRMPs. Aħna sibna li l-Istati Membri kollha ssodisfaw dan ir-rekwiżit billi għamluhom disponibbli online.

45. In-Netherlands u l-Portugall kienu fil-fatt analizzaw il-livell ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju ta' għargħar, li kienet prattika tajba. Madankollu, huma sabu li dan il-livell ta' sensibilizzazzjoni baqa' baxx.

... iżda kien hemm ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament

46. F'din it-taqsimha, aħna neżaminaw il-proċeduri użati mill-Istati Membri biex jallokaw il-fondi għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.

L-objettivi fil-Pjanijiet għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar ġeneralment mhumiex kwantifikati jew marbutin biż-żmien

47. Il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba jirrikjedu li l-objettivi ta' politika jiġu fformulati b'mod speċifiku, li jista' jitkejjel, li jista' jintlaħaq, rilevanti u f'waqtu. L-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Għargħar jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu objettivi adatti għall-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar, u biex jinkludu miżuri li jilħqu dawn l-objettivi fl-FRMPs tagħhom.

48. Fl-Awstrija, l-objettivi kienu marbutin biż-żmien u l-awtoritajiet kienu qed jużaw seba' kategoriji sabiex iżommu kont tal-progress tal-miżuri. Fin-Netherlands, aħna sibna objettivi kwantifikati għall-Programm "Room for the River" (Spazju għax-Xmara) (ara l-**paraġrafu 67**).

49. Madankollu, fis-seba' Stati Membri l-oħra li sarilhom żjara, l-objettivi ta' politika fl-FRMPs ġeneralment kienu ġenerali wisq. Pereżempju, il-pjan għal-Lvant tal-Alpi fl-Italja ma adattax l-objettivi tad-Direttiva dwar l-Għargħar għall-baċir, u ħalliehom f'termini ġenerali: li jitnaqqas l-impatt negattiv tal-għargħar fuq i) is-saħħa tal-bniedem, ii) l-ambjent, iii) il-wirt kulturali u iv) l-attività ekonomika. Dan il-pjan ma stabbilixx objettivi kwantifikabbli b'miri marbutin biż-żmien. Fl-2015, il-Kummissjoni identifikat sejbha simili fil-valutazzjoni li hija wettqet tal-abbozz ta' FRMPs.

Għall-azzjoni ppjanata relatata mal-għargħar ġew identifikati u żgurati fondi insuffiċjenti, u l-finanzjament għall-investimenti transkonfinali kien limitat

50. L-FRMPs għandhom jidentifikaw sorsi ta' finanzjament għall-azzjoni relatata mal-għargħar u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw il-finanzjament meħtieġ. Aħna vvalutajna l-punt sa fejn l-FRMPs identifikaw il-fondi nazzjonali u tal-UE li kienu fil-fatt disponibbli għall-azzjoni relatata mal-għargħar, inkluż għall-investimenti transkonfinali.

Sorsi ta' finanzjament ġew identifikati u żgurati biss parzjalment

51. L-FRMPs ta' sitta mid-disa' Stati Membri li saritilhom żjara ma identifikawx b'mod ċar is-sors u l-ammont tal-fondi meħtieġa għall-finanzjament tagħhom (ara l-**Kaxxa 5**). Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni msemija fil-**paragrafu 49** indikat li minoranza żgħira biss tal-abbozzi ta' pjanijiet eżaminati pprovdiet informazzjoni ċara dwar il-baġit disponibbli.

Kaxxa 5 – Dgħufijiet fl-identifikazzjoni tal-ammonti meħtieġa u s-sorsi ta' finanzjament korrispondenti fl-FRMPs

L-Awstrija: l-FRMP nazzjonali jiddikjara s-sors tal-fondi, iżda mhux l-ispiża, għal madwar 30 % tal-miżuri.

Ir-Repubblika Ċeka: l-FRMP nazzjonali jiddetermina biss l-ispiża tal-miżuri għall-prevenzjoni, mhux is-sorsi tal-fondi.

L-Italja: l-FRMP reġjonali awditjat ma identifikax is-sorsi ta' finanzjament disponibbli.

Il-Portugall: l-FRMP tal-Portugall kontinentali jħalli barra s-sorsi possibbli ta' finanzjament għal 25 % tal-miżuri.

Ir-Rumanija: iż-żewġ FRMPs reġjonali awditjati jħallu barra s-sorsi ta' finanzjament għal madwar 35 % tal-miżuri.

Spanja: l-ammonti meħtieġa jew inkella indikazzjoni ċara tas-sorsi tal-baġit kienu neqsin għal 15-il miżura.

52. L-FRMPs mhumiex programmi ta' finanzjament. Ammont irreġistrat fi pjan mhux neċessarjament ikun disponibbli. L-awtoritajiet tal-baċiri tax-xmara li jimmaniġġjaw il-pjanijiet, ġeneralment ma jkollhomx setgħat ta' finanzjament. Bosta awtoritajiet qed jiffinanzjaw il-pjanijiet u jieħdu deċiżjonijiet skont il-proċeduri proprji tagħhom. Din is-

sitwazzjoni żżid l-insigurtà tal-finanzjament tal-azzjoni relatata mal-għargħar. Pereżempju, fid-distrett tal-baċir tax-xmara tal-Lvant tal-Alpi fl-Italja, aħna stmajna diskrepanza ta' aktar minn EUR 1.1 biljun, jiġifieri 80 %, bejn l-infiq ippjanat u l-finanzjament disponibbli.

53. Madankollu, aħna sibna evidenza ta' sforzi li saru biex jiġi żgurat il-finanzjament għall-azzjoni relatata mal-għargħar. Il-Fond Delta Olandiż assenja madwar EUR 7 biljun għal investimenti relatati mal-għargħar sal-2030 u identifika l-ħtiġijiet finanzjarji tiegħu sal-2050. Is-Slovenja identifikat b'mod ċar sorsi ta' finanzjament għal madwar 75 % tal-EUR 540 miljun meħtieġa għall-perjodu 2017-2021.

Il-finanzjament mill-UE għen biex jiġu ffinanzjati xi FRMPs

54. F'erbgħa mill-Istati Membri li żorna, il-fondi tal-UE kienu jiffurmaw sehem sinifikanti tal-finanzjament (ara l-**Kaxxa 6**).

Kaxxa 6 – Finanzjament mill-UE: sors importanti ta' finanzjament għall-FRMPs

Ir-Repubblika Ċeka tuża l-fondi tal-UE b'mod estensiv biex tiffinanzja investimenti fil-protezzjoni kontra l-għargħar. Il-programm operazzjonali "Ambjent" għall-perjodu 2014-2020, kofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni, ikopri l-ekwivalenti ta' madwar 35 % tal-ispejjeż stmati ta' EUR 545 miljun.

Fil-**Portugall**, il-fondi tal-UE, prinċipalment il-Fond ta' Koeżjoni⁴³, huma indikati bħala sors possibbli ta' finanzjament għal madwar 96 % tal-miżuri li jinsabu fl-APSRs, u għalhekk huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-UE.

Fir-**Rumanija**, il-programm operazzjonali ddedikat għall-infrastrutturi l-kbar jirreferi espliċitament għall-FRMPs reġjonali u jalloka EUR 364 miljun, li huma kofinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni, għall-azzjoni kontra l-għargħar u l-erożjoni kostali.

Fis-**Slovenja**, il-programm operazzjonali kofinanzjat mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni jikkorrispondi għal 25 % tal-ħtiġijiet annwali ta' finanzjament.

⁴³ Għall-Azores, l-appoġġ għal dan it-tip ta' azzjoni huwa disponibbli permezz tal-programm operazzjonali reġjonali taħt il-FEŻR.

55. Fi Spanja, iż-żewġ awtoritajiet tal-baċiri li żorna kellhom aċċess mhux indaqs għall-finanzjament mill-UE: il-miżuri relatati mal-għargħar f'baċir wieħed tax-xmara ma kinux eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEŻR, filwaqt li fl-istess ħin ma kienx ġie żgurat finanzjament nazzjonali⁴⁴. Dan irriżulta f'nuqqasijiet baġitarji għal żewġ proġetti li żorna. B'kuntrast ma' dan, fil-baċir tax-xmara l-ieħor, il-programm operazzjonali tal-FEŻR iffinanzja 15 % tal-FRMP.

56. Ir-Rumanija assenjat 44 % tal-objettiv speċifiku stabbilit fil-livell tal-assi prijoritarju “Promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji” tal-programm operazzjonali ddedikat għall-infrastrutturi l-kbar (ara l-**Kaxxa 6**) għal proġett ta' protezzjoni tal-kosta biex tirrestawra 13-il km ta' bajjiet tul il-Baħar l-Iswed. Dan il-proġett se jkun ta' benefiċċju għas-swieq lokali tal-proprjetà immobbli u tat-turiżmu. Dan ifisser li l-ammont ta' EUR 239 miljun li jifdal ta' fondi tal-UE mogħtija taħt dan il-programm operazzjonali setgħu jkopru l-ispejjeż ta' madwar żewġ teri tal-proġetti identifikati ta' prevenzjoni u protezzjoni kontra l-għargħar, li huma meqjusa ta' prijorità għolja.

L-infiq relatat mal-għargħar għal investimenti transkonfinali kien limitat


57. Il-proġetti transkonfinali kienu jikkonsistu prinċipalment fi skambji ta' informazzjoni (ara l-**paragrafi 20, 42 u 43**). Il-finanzjament għall-infrastruttura relatata mal-għargħar li jista' jkollu impatt internazzjonali kien limitat. Madankollu, aħna sibna eżempji pożittivi bħal dak fil-**Kaxxa 7**.

⁴⁴ Il-baġit ta' investiment għall-ilma, tal-ministeru rilevanti, kien tnaqqas b'madwar 60 % bejn l-2009 u l-2017.

Kaxxa 7 – Investiment transkonfinali fejn il-fondi tal-UE pprovdew valur miżjud

Proġetti wieħed kellu l-għan li jipproteġi villaġġ Awstrijak minn għargħar mix-xmajjar fil-fruntiera mar-Repubblika Ċeka (ara l-***istampa*** hawn taħt). Dan kien jinvolvi t-tkabbir tal-panura tal-għargħar f'art agrikola fuq in-naħa Ċeka. L-Awstrija ma kellhiex spazju suffiċjenti għal din il-panura tal-għargħar. Hija ħallset għall-operazzjoni, bil-għajjnuna ta' kofinanzjament ta' 75 % minn Interreg⁴⁵. L-Awstrija ma kinitx timplimenta dan il-proġett mingħajr il-finanzjament mill-UE.

Investiment transkonfinali bejn l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka



Sors: Adattat mill-QEA mit-tfassil tal-proġett mibgħut mill-awtoritajiet Awstrijaċi.

Il-proċeduri ta' klassifikazzjoni tal-proġetti għandhom ikunu marbutin aktar mill-qrib mal-prijoritajiet fl-FRMPs

58. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tirrikjedi li l-FRMPs jiprijoritizzaw il-miżuri skont l-oġettivi. Aħna eżaminajna jekk l-Istati Membri użawx dawn il-proċeduri biex jikklassifikaw u jagħżlu l-proġetti.

⁴⁵ Qafas għal azzjoni konġunta tal-politika ta' koeżjoni u skambji fost partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali minn Stati Membri differenti.

59. Aħna sibna każijiet ta' prijoritizzazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi (ara l-**Kaxxa 8**).

Kaxxa 8 – Każijiet ta' klassifikazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi

In-Netherlands jikklassifikaw il-proġetti pbl-użu ta' matriċi li tirrifletti s-severità tal-ħsara potenzjali u l-probabbiltà ta' falliment tal-infrastruttura.

Pjan Spanjol ikkategorizza l-APSEs fuq il-bażi tar-riskji aktar milli tal-perikli waħidhom, li jfisser li l-vulnerabbiltà ta' żoni esposti ttieħdet ukoll inkunsiderazzjoni.

60. L-FRMPs li eżaminajna kienu jinkludu proċeduri ta' klassifikazzjoni. Madankollu, f'sebgħa mid-disa' Stati Membri li saritilhom żjara, dawn il-proċeduri ppreżentaw ċerti dgħufijiet. Pereżempju, fir-Repubblika Ċeka, fil-Portugall, fir-Rumanija u fis-Slovenja, il-livell ta' tħejjija ta' proġett għall-implimentazzjoni, aktar milli l-effettività potenzjali tiegħu, kien kunsiderazzjoni ewlenija għall-klassifikazzjoni. Fir-Rumanija, proġett li ma kklassifikax fost il-proġetti ta' prijorità skont il-metodoloġija approvata, madankollu ġie propost għal finanzjament fil-programm operazzjonali minħabba li l-istudju ta' fattibbiltà kien lest.

Għalkemm l-Istati Membri bdew l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet tagħhom għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar, jeħtieġ li jsir xi titjib

61. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tistipula li l-FRMPs jieħdu kont tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġetti. Din it-taqsimha tivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri qiesu dawn l-aspetti fl-implimentazzjoni tal-FRMPs tagħhom, permezz ta' teknoloġiji u *data* ta' kwalità tajba, analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u mudelli.

62. Hija tivvaluta wkoll il-punt sa fejn l-Istati Membri kkoordinaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u, għaldaqstant, qiesu l-infrastruttura ekoloġika biex jindirizzaw ir-riskju ta' għargħar⁴⁶.

⁴⁶ Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tirrikjedi li l-korpi kollha tal-ilma jiksbu "stat ekoloġiku" tajjeb. Il-kanali tal-konkrit, pereżempju, huma permessi biss taħt ċerti kundizzjonijiet u biss wara li jkunu ttieħdu l-passi kollha possibbli biex jiġi mmitigat l-impatt negattiv fuq il-pjanti u l-annimali.

Data: input ewlieni għall-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar

63. L-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar jirrikjedi *data* ta' kwalità tajba dwar it-temp u l-preċipitazzjonijiet, it-topografija u l-kopertura tal-art, is-sistemi tax-xmajjar u idroloġiċi, kif ukoll l-attivitajiet tal-bniedem. Aħna sibna li l-inputs dwar il-perikli u r-riskji li għandhom jinġabru minn varjetà ta' sorsi, bħall-CORINE Land Cover⁴⁷, ċensimenti tal-popolazzjoni, *data* topografika u informazzjoni minn reġistri tal-kummerċ, *data* meteoroloġika u idroloġika. Il-previżjonijiet tal-għargħar u s-sistemi ta' twissija bikrija (ara wkoll il-**paragrafu 43**) kienu ġeneralment kruċjali biex jiżdied l-istat ta' tnejn.

64. Fir-Rumanija, aħna sibna ċerti dgħufijiet fid-*data* topografika u dwar l-użu tal-art, li hija kruċjali biex jiġu mmudellati l-iskol u l-flussi tax-xmajjar riżultanti. Aħna osservajna wkoll li r-Rumanija ħadet inizjattivi reċenti biex ittejjeb il-kwalità tad-*data*.

65. Aħna sibna li l-Istati Membri kollha li saritilhom żjara kienu konvinti mill-benefiċċji ta' investiment f'teknoloġija u *data* biex iħaddmu mudelli li jgħinu fl-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar. Pereżempju, Spanja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja investew fl-installazzjoni u t-titjib ta' stazzjonijiet tal-kejl ta' għargħar mix-xita u mix-xmajjar (ara l-**Kaxxa 9**). Dawn l-istazzjonijiet jistgħu jinfurmaw aħjar il-previżjonijiet meteoroloġiċi u idroloġiċi, speċjalment għal avvenimenti fuq terminu qasir, bħal għargħar għal għarrieda (ara l-**paragrafu 8** u l-**Kaxxa 1**).

⁴⁷ [Programm](#) taħt l-awtorità tal-EEA, li jikkonsisti f'inventarju tal-kopertura tal-art imqasma f'44 klassi, u ppreżentat bħala prodott kartografiku, bi skala ta' 1:100 000.

Kaxxa 9 – Azzjoni idroloġika u meteoroloġika li ġiet eżaminata

L-**istampa** turi eżempju ta' stazzjon tal-kejl ta' għargħar mix-xmajjar li saritlu żjara fir-Rumanija, li jiġbor *data* dwar il-livelli tal-ilma tad-Danubju.

Fi Spanja, aħna żorna ċentru ta' kontroll tal-għargħar ta' 186 stazzjon li huma mifruxin fil-baċir tax-xmara.

Iċ-ċentru jipproċessa d-*data* permezz ta' mudelli idroloġiċi u meteoroloġiċi, biex jimmonitorja r-riskju ta' għargħar f'ħin reali u biex jagħti previżjonijiet tal-preċipitazzjonijiet 72 siegħa qabel.

Fis-Slovenja, aħna żorna ċ-ċentru ta' monitoraġġ, mibni bħala parti mill-proġett, li għandu l-għan li jipproduċi informazzjoni affidabbli u preċiża dwar it-temp u l-flussi tax-xmajjar. Dan il-proġett kien jinkludi wkoll:

- radar ġdid u 90 stazzjon meteoroloġiku awtomatizzat ġdid fil-pajjiż kollu;
- żewġ strumenti oċeanografiċi ġodda għan-netwerk ta' monitoraġġ tal-baħar, li jkejlu l-għoli u d-direzzjoni tal-mewġ, il-kurrenti tal-baħar u t-temperatura ta' wiċċ il-baħar;
- sistema ta' previżjonijiet idroloġiċi bbażata fuq mudelli.

L-istazzjon tal-kejl ta' għargħar mix-xmajjar fid-Danubju, ir-Rumanija



Sors: Il-QEA.

66. Id-*data* miġbura mill-istazzjonijiet ta' monitoraġġ tista' tiġi supplimentata b'informazzjoni minn sorsi oħra. Pereżempju, fid-distrett tal-baċir tax-xmara li saritlu żjara fl-Italja, il-proġett pilota innovattiv "WeSenseIT" jippermetti liċ-ċittadini jikkondividu informazzjoni permezz tal-midja soċjali jew applikazzjonijiet għas-smartphone. Din id-*data* tiġi miżjuda mad-*data* miġbura permezz tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ. Din il-komunikazzjoni bidirezzjonali bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità ta' rispons. L-FRMP jinkludi miżura biex dan il-proġett jiġi estiż għall-baċir tax-xmara kollu kemm hu.

Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li saritilhom żjara użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u mudelli biex ifasslu l-proġetti, jeħtieġ li jsir xi titjib

67. Fl-Istati Membri kollha li saritilhom żjara, l-awtoritajiet użaw immudellar u approċċ ibbażat fuq l-evidenza biex jimmappjaw ir-riskji ta' għargħar (ara l-**paragrafu 40**). L-immudellar għen ukoll fit-tfassil ta' proġetti relatati mal-għargħar. Pereżempju, mudelli idrawliċi għenu lill-awtoritajiet biex jidentifikaw x'azzjoni kienet meħtieġa (ara, pereżempju, il-**Kaxxa 10**).

Kaxxa 10 – Objettiv biex jitnaqqsu l-livelli tal-ilma fil-Programm Olandiż “Room for the River”

“Room for the River” huwa programm ta' infrastruttura li għe kkompletat fl-2015 għal EUR 2.3 biljun. Huwa kellu l-għan li jimmaniġġja l-iskariku massimu fejn ix-Xmara Renu tasal fit-territorju tan-Netherlands biex jitnaqqsu l-livelli tal-ilma li jinżel 'l isfel. Mudell żviluppat minn istitut tar-riċerka ddetermina l-livelli differenti tal-ilma li għandhom jintlaħqu tul it-tributarji biex jiġu stabbiliti miri għal proġetti individwali.

68. Bl-eċċezzjoni tal-Italja u l-Portugall, l-Istati Membri kollha li saritilhom żjara użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, meta kienu qed ifasslu jew jagħżlu l-proġetti. Madankollu, dawn l-analiżijiet kellhom diversi dgħufijiet. Pereżempju, fi Spanja, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji kienet għadha qed tiġi żviluppata u ma kinitx użata b' mod sistematiku u adegwat.

Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġeneralment irriżultat f'sinerġiji

69. L-FRMPs fl-Italja, fis-Slovenja u f'baċir tax-xmara Spanjol iffukaw ukoll fuq il-konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-FRMPs tat-Taljana u s-Sloveni identifikaw miżuri f'sinerġija, u dawk f'kunflitt potenzjali, mal-obiettivi taż-żewġ Direttivi. Fl-Italja, madwar 25 % tal-miżuri kienu ttikkettati bħala miżuri f'sinerġija, u 1 % biss kienu f'kunflitt potenzjali mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

70. Madankollu, aħna eżaminajna proġetti fil-Bulgarija u r-Rumanija fejn l-azzjoni dwar l-għargħar ma kinitx konformi mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-awtoritajiet Bulgari ma kinux qiesu l-infrastruttura ekoloġika (ara l-**paragrafi 71 sa 76**) bħala mezz alternattiv biex

jinżamm l-ilma 'l fuq fil-proġetti kollha li saritilhom żjara⁴⁸ (ara l-**Kaxxa 11**). Fir-Rumanija, l-awtoritajiet ippjanaw li jużaw il-konkrit u l-ġebel sabiex jirrinfurzaw 6 km ta' xatt tax-xmara, mingħajr ma qiesu soluzzjonijiet infrastrutturali ekoloġiċi.

Kaxxa 11 – Proġetti relatati mal-ġhargħar li jikkompromettu l-konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fil-Bulgarija

L-ebda valutazzjoni tal-impatt ambjentali ma twettqet għat-tliet proġetti tax-xmajjar li saritilhom żjara.

Fi proġett partikolari, kważi 8 km ta' qiegħ ix-xmara inksew bil-konkrit. Din il-bidla f' qiegħ ix-xmara affettwat l-“istat tajjeb” tax-xmara mitlub mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Aħna identifikajna għalqa 'l fuq minn raħal fil-qrib, li setgħet tqieset bħala miżura għaż-żamma naturali.



Ix-xmara fi stat naturali



Ix-xmara wara l-proġett
Sors: Il-QEA.

Il-proġetti ta' infrastruttura ekoloġika għandhom bosta benefiċċji, iżda jistgħu jkunu diffiċli biex jitwettqu fil-prattika

71. Rapport reċenti tal-EEA⁴⁹ isostni li l-infrastruttura ekoloġika hija mezz kosteffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju ta' ġhargħar. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni, b' mod partikolari permezz

⁴⁸ Il-proġett ta' protezzjoni tal-kosta li saritlu żjara mhuwiex inkluż f'din il-valutazzjoni.

⁴⁹ Ir-Rapport Nru 14/2017 tal-EEA, "[Green Infrastructure and Flood Management - Promoting cost-efficient flood risk reduction via green infrastructure solutions](#)" (Infrastruttura Ekoloġika u Mmaniġġjar tal-Ġhargħar - Promozzjoni tat-tnaqqis kosteffiċjenti tar-riskju ta' ġhargħar permezz ta' soluzzjonijiet infrastrutturali ekoloġiċi). Ara wkoll ir-Rapport Nru 1/2016 tal-EEA, "[Flood risks and environmental vulnerability - Exploring the synergies between floodplain restoration, water policies and thematic policies](#)" (Ir-riskji ta' ġhargħar u l-vulnerabbiltà ambjentali - Nesploraw is-sinerġiji bejn ir-restawr tal-pjanuri tal-ġhargħar, il-politiki dwar l-ilma u l-politiki tematiċi).

tal-Grupp ta' Ħidma F, biex tippromwovi s-soluzzjonijiet ekoloġiċi, prinċipalment billi ħarġet dokumenti ta' gwida⁵⁰. Aħna eżaminajna l-punt sa fejn l-FRMPs ffukaw fuq l-infrastruttura ekoloġika bħala għodda għall-immaniġġjar tal-għargħar u analizzajna l-mod kif ġiet implimentata l-infrastruttura ekoloġika.

Ftit li xejn pjanijiet jiffukaw fuq l-infrastruttura ekoloġika...

72. L-FRMPs tal-Portugall u ta' Spanja ffukaw fuq l-infrastruttura ekoloġika. Pereżempju, il-miżuri kollha għall-protezzjoni f'FRMP partikolari ta' Spanja kienu relatati mal-infrastruttura ekoloġika. Fi proġett relatat mal-baċir tax-xmara Spanjol l-ieħor li żorna, aħna rajna kombinament ta' tekniki griżi u ekoloġiċi (ara l-**Kaxxa 12**).

⁵⁰ Ara, pereżempju, id-dokument ta' politika tal-UE mwettaq mill-Grupp ta' Ħidma tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni "Natural Water Retention Measures" (Miżuri għaż-Żamma Naturali tal-Ilma), Rapport Tekniku - 2014 – 082; Il-Kummissjoni Ewropea, "A guide to support the selection, design and implementation of Natural Water Retention Measures in Europe - Capturing the multiple benefits of nature-based solutions" (Gwida biex jingħata appoġġ għall-għażla, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Miżuri għaż-Żamma Naturali tal-Ilma fl-Ewropa - Nisfruttaw il-bosta benefiċċji tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura), 2015. Hemm ukoll sit web iddedikat (<http://nwrn.eu>).

Kaxxa 12 – Kombinament ta' tekniki griżi u ekoloġiċi fi Spanja

Il-Fażi I tal-proġett li żorna bdiet fil-perjodu 2007-2013 bil-kanalizzazzjoni ta' xmara bl-użu ta' kanalizzazzjoni rettangolari tradizzjonali magħmula mill-konkrit.

Fil-Fażi II tal-proġett (2014-2020), l-awtoritajiet wessgħu qiegħ ix-xmara billi użaw tekniki ta' bijoinġinerija. Filwaqt li nżammet l-istess kapaċità idrawlika, is-sezzjoni nġiebet aktar qrib il-morfoloġija naturali tax-xmara, u b'hekk tnaqqset il-ħtieġa li jitnaddfu l-kanal u l-ilma seta' jgħaddi aktar faċilment għaż-żoni ta' żamma naturali tal-ilma. Il-proġett qed jgħin biex tiġi restawrata l-veġetazzjoni riparja f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Huwa jinkludi sezzjoni tax-xmara li hija faċilment aċċessibbli għall-popolazzjoni, u għaldaqstant tista' tara l-merti tas-soluzzjoni.



Sors: II-QEA.

73. Madankollu, l-infrastruttura ekoloġika ma kinitx tikkostitwixxi parti sinifikanti mill-FRMPs li eżaminajna fis-sitt Stati Membri l-oħra. Fir-Repubblika Ċeka, 15 % biss tal-miżuri għall-protezzjoni kienu jikkonsistu f'infrastruttura ekoloġika. Fl-Italja, inqas minn 2 % tal-469 miżura applikabbli kienu jirrigwardaw infrastruttura ekoloġika.

... u hemm ostakoli għall-implimentazzjoni tagħha

74. F'mill-inqas tliet Stati Membri, xi partijiet ikkonċernati ma appoġġawx l-infrastruttura ekoloġika. Il-pjan tas-Slovenja kien biħsiebu jippromwovi l-infrastruttura ekoloġika, minkejja li ċ-ċittadini u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali esprimew preferenza għall-infrastruttura griża, fejn qiesu li hija aktar effettiva għall-protezzjoni kontra l-għargħar. Aħna sibna wkoll dan ix-xettiċiżmu fil-Bulgarija, fejn kienet għadha ma nħolqot l-ebda infrastruttura ekoloġika, minkejja l-inklużjoni tagħha fil-katalogu nazzjonali tal-miżuri.

75. Aħna identifikajna wkoll ostakoli prattiċi għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura ekoloġika. Pereżempju, l-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li n-nuqqas ta' reġistru tal-artijiet, li huwa essenzjali biex jiġu identifikati s-sidien tal-art, jikkostitwixxi impediment importanti

għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika. Fil-Bulgarija, l-awtoritajiet ma għandhomx metodoloġija biex jidentifikaw irqajja' ta' art potenzjalment adatti li fuqhom tista' tiġi implimentata infrastruttura ekoloġika. L-awtoritajiet Taljani u Spanjoli spjegaw li l-iskarsezza ta' infrastruttura ekoloġika hija dovuta għall-proċeduri amministrattivi u legali kumplessi jew għan-nuqqas ta' art disponibbli.

76. Il-FAEŻR jista' wkoll potenzjalment jiffinanzja l-azzjoni ekoloġika kontra l-għargħar⁵¹. Madankollu, aħna sibna li r-rwol limitat li l-FAEŻR għandu bħalissa huwa ostakolu ieħor għall-infrastruttura ekoloġika (ara l-**paragrafu 24**). Pereżempju, l-FRMPs li eżaminajna fil-Bulgarija, fl-Italja, fil-Portugall, fis-Slovenja u fir-Rumanija ma kinux jinkludu kofinanzjament mill-FAEŻR għall-miżuri relatati mal-għargħar. Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet⁵² ukoll li: hemm opportunità mitlufa fil-biċċa l-kbira mill-PŻR biex jippromwovu Miżuri għaż-Żamma Naturali tal-Ilma, li jistgħu jaġixxu bħala miżuri effettivi ta' rimedju.

Għad fadal xi sfidi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati fil-futur

77. Ġustifikazzjoni ewlenija għall-introduzzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar kienet biex jittieħed kont tar-riskju ta' għargħar li qed jevolvi b'riżultat tat-tibdil fil-klima. Fil-fatt, id-Direttiva dwar l-Għargħar tiddikjara li t-tibdil fil-klima iżid il-frekwenza tal-għargħar serju.

78. Il-valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta' għargħar fl-ewwel ċiklu kellhom iqisu l-impatt tat-tibdil fil-klima abbażi ta' informazzjoni disponibbli jew faċilment derivabbli⁵³.

⁵¹ Il-FAEŻR fir-realtà huwa l-kontributor prinċipali għall-oġġettiv li jiġi promoss l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju kif iddefinit skont il-qafas tal-FSIE, li jipprovdi madwar 76 % tal-baġit allokat għal dan l-oġġettiv: <https://cohesiondata.ec.europa.eu/themes/5>.

⁵² Id-WRC, "[European level report: Key descriptive statistics on the consideration of water issues in the Rural Development Programmes 2014-2020](#)" (Rapport fil-livell Ewropew: Statistika deskrittiva ewlenija dwar il-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ilma fil-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020), 2016. Dan ir-rapport iwwaluta kif il-programmi tal-iżvilupp rurali 2014-2020 kienu qiesu kwistjonijiet relatati mal-ilma.

⁵³ L-Artikolu 4.2 tad-Direttiva dwar l-Għargħar jiddikjara "Għandha ssir valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, ibbażata fuq informazzjoni disponibbli jew faċilment derivabbli, bħal reġistri u studji dwar żviluppi fuq medda ta' żmien twila, b'mod partikolari l-impatti tal-bidla fil-klima fuq l-okkorrenza tal-għargħar, biex tipprovdi valutazzjoni ta' riskji potenzjali."

Għat-tieni ċiklu li se jibda fl-2022, “l-impatt probabbli ta’ bidla fil-klima fuq l-okkorrenza tal-għargħar għandha titqies fir-reviżjonijiet”⁵⁴ ta’ dawn il-valutazzjonijiet u tal-FRMPs, imwettqa mill-Istati Membri.

79. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tirrakkomanda wkoll l-użu ta’ miżuri mhux strutturali (ara l-**paragrafu 16**), fejn ikun xieraq. Aħna vvalutajna wkoll il-punt sa fejn l-awtoritajiet kienu użaw miżuri bħall-assigurazzjoni kontra l-għargħar u l-ippjanar tal-użu tal-art fl-immaniġġjar tal-għargħar.

Nuqqas ta’ għarfien aġġornat dwar l-impatt potenzjali li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-inċidenza tal-għargħar

80. L-Istati Membri li saritilhom żjara ma setgħux iqisu l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq il-kobor, il-frekwenza u l-post tal-għargħar. Ġew rikonoxxuti xi xejriet, bħal aktar każijiet ta’ għargħar għal għarrieda, iżda dawn kienu għadhom ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fil-mudelli tal-għargħar.

Nuqqas ta’ għarfien dwar l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-għargħar mix-xita u s-sistema tax-xita

81. Il-Bulgarija, ir-Rumanija u s-Slovenja ma għandhomx informazzjoni suffiċjenti dwar l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq ix-xejriet tax-xita u l-għargħar relatat, u biħsiebhom iwettqu studji f’dan ir-rigward għat-tieni ċiklu tad-Direttiva dwar l-Għargħar, li huwa mistenni li jibda fl-2022. L-awtoritajiet Ċeki pprevedew aktar preċipitazzjoni fir-rebbiegħa u l-ħarifa u inqas preċipitazzjoni fis-sajf u x-xitwa. L-istitut meteoroloġiku nazzjonali Ċek ma kienx biħsiebu jżid il-probabbiltà ta’ għargħar minħabba t-tibdil fil-klima fil-mudelli tiegħu.

82. Fin-Nofsinhar tal-Ewropa, l-EEA rrappurtat li x-xita annwali naqset fil-Peniżola Iberika bejn l-1960 u l-2015⁵⁵. Fl-istess rapport, hija twissi wkoll dwar żieda fil-ħsarat li rriżultaw

⁵⁴ Kif iddikjarat fl-Artikolu 14.4 tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

⁵⁵ Ir-Rapport Nru 1/2017 tal-EEA, “[Climate change, impacts and vulnerability in Europe 2016: An indicator-based report](#)” (It-tibdil fil-klima, l-impatti u l-vulnerabbiltà fl-Ewropa 2016: Rapport ibbażat fuq l-indikaturi), p. 82.

minn għargħar għal għarrieda iqsar u aktar lokalizzat. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani, Portugiżi u Spanjoli ma kkwantifikawx l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq il-probabbiltà ta' għargħar mix-xita u mix-xmajjar.


Iż-żieda fil-livell tal-baħar ma ttiġiditx inkunsiderazzjoni bis-sħiħ

83. Iż-żieda fil-livell tal-baħar, li tiġi kkawżata mit-tibdil fil-klima, iżżid ir-riskju ta' għargħar kostali (ara l-**paragrafi 9, 10 u 13**). Fl-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Istati Membri b'kosta tal-baħar li saritilhom żjara (il-Bulgarija, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovenja) bl-eċċezzjoni tal-Portugall, kienu b'mod ġenerali ddefinew APSFRs speċifiċi fiż-żoni kostali.

84. Konklużjoni ewlenija tal-workshop dwar it-tibdil fil-klima tal-Grupp ta' Ħidma F li sar f'Marzu 2017, kienet li l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri qiesu biss it-tibdil fil-klima meta kienu qed jistabbilixxu APSFRs fiż-żoni kostali, iżda mhux fuq l-art. Barra minn hekk, aħna sibna li fil-biċċa l-kbira ma kienx ċar kif ix-xejriet futuri fiż-żieda fil-livell tal-baħar kienu tqiesu fil-metodoloġiji applikati. Il-Bulgarija kienet l-eċċezzjoni, fejn ipprovdiet firxiet ta' valuri għaż-żieda fil-livell tal-baħar ikkawżata mit-tibdil fil-klima, b'kont meħud ta' tliet livelli ta' probabbiltà f'żewġ xenarji.

85. Għall-Istati Membri li għandhom bliet ewlenin, abitanti u infrastruttura f'reġjuni kostali, se jsir dejjem aktar importanti li jkunu konxji taż-żidiet probabbli fil-livelli tal-baħar, kemm fil-livell globali kif ukoll dak lokali. Ir-riskju probabbli ta' żieda fil-livell tal-baħar ġie kkwantifikat sal-2050; inċertezza akbar taffettwa r-rata possibbli ta' bidla mill-2050 sal-2100 (ara l-**Figura 6**), meta din tista' tkompli taċċellera.

Figura 6 – Previżjonijiet taż-żieda fil-livell tal-baħar għas-seklu 21



Il-Perkorsi Rappreżentattivi ta' Konċentrazzjoni (Representative Concentration Pathways- RCPs) huma trajettorji tal-konċentrazzjoni ta' gassijiet serra użati mill-IPCC. Sal-perjodu 2081-2100, l-RCP 8.5 huwa previst li jirriżulta f'żieda fit-temperatura tal-arja fis-superfiċje, meta mqabbel mal-medja tal-perjodu 1850-1900 (preindustrijali), fi ħdan firxa probabbli ta' 3.2 sa 5.4°C (medja ta' 4.3°C). L-RCP 4.5 huwa previst li jirriżulta f'żieda fit-temperatura fi ħdan firxa probabbli ta' 1.7 sa 3.2°C (medja ta' 2.4°C).

Sors: II-QEA, adattat minn Mengel, Levermann *et al.* PNAS, 2016.

L-Istati Membri ġeneralment użaw *data* storika, li għandha r-riskju li ma tirriflettix riskji klimatiċi akbar

86. Id-Direttiva dwar l-Għargħar ma tirrikjedix li l-eżerċizzji ta' mmappjar iqisu l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-għargħar. Meta jkunu qed jimmappjaw ir-riskju ta' għargħar, l-Istati Membri kollha li saritilhom żjara applikaw ix-xenarji ta' għargħar abbażi tat-tliet probabbiltajiet meħtieġa mid-Direttiva dwar l-Għargħar (ara l-**paragrafu 40**). Dawn il-probabbiltajiet ta' għargħar huma espressi f'termini tal-“perjodu probabbli ta' rikorrenza”, jew bħala perċentwal li jirrifletti l-probabbiltà ta' okkorrenza ta' għargħar f'sena partikolari. Dawn il-klassifikazzjonijiet komuni kienu bbażati fuq sensiliet statistiċi storiċi, li jqisu biss xejriet idroloġiċi u meteoroloġiċi storiċi. Madankollu, huma ma jirriflettux il-kundizzjonijiet tat-temp futuri jew il-bidliet potenzjali fil-frekwenza u fis-severità tal-għargħar, minħabba t-

tibdil fil-klima. B'kont meħud li dawn il-kundizzjonijiet futuri jirrikjedu kapaċitajiet adegwati ta' previżjoni (ara l-**paragrafi 80 sa 82**).

87. Bl-istess mod, aħna sibna wkoll li d-deċizzjonijiet ta' investment spiss kienu ggwidati minn valutazzjonijiet tar-riskju bbażati fuq livell ta' protezzjoni espress, pereżempju, f'termini ta' "1 f'100" sena. Dan jista' jxekkel id-deċizzjonijiet ta' investment minħabba n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-profilu tar-riskju li qed jinbidlu b'riżultat tat-tibdil rapidu fil-klima (ara l-**paragrafi 4 sa 13**).

88. Il-konsegwenzi ta' għargħar għal għarrieda kkawżat minn perjodi ta' xita aktar qawwija (ara l-**paragrafi 4, 8 u 82**) u l-impatt taż-żieda fil-livell tal-baħar (ara l-**Kaxxa 13**) jistgħu jiġu sottovalutati, u b'hekk jinħoloq ir-riskju li l-investimenti jispiċċaw mgħaddsa jew isiru inadegwati aktar kmieni milli jkun antiċipat, u għaldaqstant isiru "assi mitlufa".

Kaxxa 13 – Prattiki bbażati fuq kejl storiku mingħajr aġġustament għaż-żieda fil-livell tal-baħar

Fit-Tramuntana tal-Italja, l-istazzjonijiet tal-kejl f'Venezja u fi Trieste wrew żieda fil-livell tal-baħar ibbażata fuq id-*data* miġbura matul dawn l-aħħar 140 sena. Fi Trieste, għet irreġistrata żieda medja ta' 1.2 mm / sena, li turi wkoll xejra aċċellerata matul dawn l-aħħar 20 sena. Madankollu, l-informazzjoni rigward iż-żidiet fil-livelli tal-baħar fil-futur ma kinitx riflessa fil-metodoloġija li l-awtoritajiet użaw biex jiddeterminaw ix-xenarji ta' għargħar.

Fir-Rumanija, il-livell tal-Baħar l-Iswed tela' mill-1860 'l hawn: +33 cm f'145 sena f'Sulina, jiġifieri medja ta' 2.3 mm / sena; u +13 cm f'70 sena, jiġifieri medja ta' 1.9-il mm kull sena f'Constanta. Bl-istess mod, il-fluss massimu tad-Danubju żdied: +12 % f'165 sena. It-tfassil tal-proġetti ta' protezzjoni kontra l-għargħar ma ħax kont tal-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq iż-żieda fil-livell tal-baħar.

Fejn l-Istati Membri għażlu li jkollhom assigurazzjoni privata kontra l-għargħar, il-kopertura baqgħet baxxa

89. L-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima tirrakkomanda bħala azzjoni ewlenija li "Tippromwovi l-assigurazzjoni u prodotti finanzjarji oħrajn għall-investment

reżistenti u għad-deċiżjonijiet kummerċjali”⁵⁶. Il-primjums aġġustati skont ir-riskju ta’ għargħar jistgħu jgħinu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost l-individwi privati dwar ir-riskju ta’ għargħar u jservu ta’ deterrent għal insedjamenti f’żoni suxxettibbli għall-għargħar. Il-pagamenti tal-assigurazzjoni kontra klejms relatati mal-għargħar jistgħu jagħtu wkoll spinta biex jagħtu spinta lill-irkupru ekonomiku wara diżastru. Skont *data* li nġabret mill-industrija tal-assigurazzjoni⁵⁷, madwar 25 % tat-telf ikkawżat mill-għargħar fl-Ewropa kien kopert minn assicurazzjoni fil-perjodu mill-1980 sal-2017.

90. Fil-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni ta’ din l-istrateġija fl-Istati Membri, il-Kummissjoni sabet li l-istrumenti ta’ assicurazzjoni għadhom ma ġewx integrati tajjeb fil-proċessi deċiżjonali nazzjonali dwar l-adattament jew fl-istrateġiji usa’ għall-immaniġġjar tar-riskji klimatiċi. L-għan tal-Kummissjoni fit-tfassil tal-istrateġija tal-UE kien li żżid l-użu tal-assicurazzjoni kontra d-diżastri naturali. Jekk il-kopertura tal-assicurazzjoni tibqa’ baxxa, il-primjums għall-għargħar jibqgħu għoljin, u għalhekk id-domanda għall-assicurazzjoni tkompli tonqos⁵⁸.


91. Aħna sibna kopertura baxxa tal-assicurazzjoni kontra l-għargħar. Għalkemm jeżistu diversi mudelli ta’ assicurazzjoni (ara l-**Figura 7**), il-mudell l-aktar użat fl-Istati Membri li saritilhom żjara kien il-forniment ta’ servizzi ta’ assicurazzjoni, privata mhux obligatorja, kontra l-għargħar. Dan il-mudell jintuża fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fl-Italja, fil-Portugall u fis-Slovenja. Is-sistema tar-Rumanija hija wkoll privata u l-assicurazzjoni kontra l-għargħar suppost hija obligatorja għall-akkomodazzjoni. Fil-Bulgarija, fl-Italja u fir-Rumanija, l-għadd ta’ persuni li ħadu polza tal-assicurazzjoni kontra l-għargħar kien baxx (ara l-**Kaxxa 14**).

⁵⁶ COM(2013) 216 final tas-16 ta’ April 2013 “[Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima](#)”, p. 9.

⁵⁷ [NatCatService \(https://natcatservice.munichre.com\)](https://natcatservice.munichre.com).

⁵⁸ L-OECD, “[Financial Management of Flood Risk](#)” (Ġestjoni Finanzjarja tar-Riskju ta’ Għargħar), 2016, p. 58.

Figura 7 – Spettru tas-sistemi ta' assigurazzjoni kontra l-għargħar fl-Istati Membri eżaminati



Sors: Il-QEA.

Kaxxa 14 – Kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar

Ir-Repubblika Ċeka: fl-2016, 54 % tal-unitajiet domestiċi kellhom assigurazzjoni kontra d-diżastri naturali, li ma kinitx limitata għall-għargħar.

Il-Bulgarija: madwar 10 % tal-unitajiet domestiċi u l-binjiet, kif ukoll 27 % tal-azjendi agrikoli għandhom polza tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar.

L-Italja: madwar 1 % tar-residenzi għandhom polza tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar.

Ir-Rumanija: is-sindki għandhom jimponu multi sa EUR 100 lill-persuni li jonqsu milli jieħdu polza tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar. Minkejja dan, 1 minn kull 5 idjar biss huma assigurati kontra l-għargħar.

92. L-OECD ikkonkludiet ukoll li l-livelli baxxi ta' kopertura tal-assigurazzjoni jistgħu jpoġġu lill-gvernijiet taħt pressjoni ogħla biex jipprovdu kumpens għat-telf ikkawżat mill-għargħar, u dan ixxejjel it-tkabbir tal-kopertura tal-assigurazzjoni^{Error! Bookmark not defined.}. Aħna sibna

stampata ta' din is-sitwazzjoni fl-Awstrija, fejn studju reċenti⁵⁹ kien ikkonkluda li l-iskema ta' kumpens pubbliku "*Katastrophenfonds*" tista' tiskoraġġixxi lis-settur tal-assigurazzjoni milli jassumi rwol akbar fl-indennizz ta' ħsarat ikkawżati minn avvenimenti ta' temp estrem.

93. Fin-Netherlands, il-livell ta' riskju għoli ħafna⁶⁰, potenzjalment minħabba għargħar kostali serju jew ħsara fl-imbankmenti, jispjega l-ħtieġa għal intervent pubbliku. Is-sistema pubblika ta' protezzjoni u prevenzjoni fil-fatt topera bħala skema ta' assicurazzjoni kollettiva jew pubblika kontra l-għargħar kostali jew il-ħsara fl-imbankmenti.

94. Fi Spanja, entità pubblika timmaniġġja s-sistema biex tkopri riskji straordinarji, inkluż l-għargħar, f'kooperazzjoni mas-settur privat. Aħna sibna xi punti pożittivi fil-modalità ta' finanzjament ta' din is-sistema u fl-estent tal-kopertura tal-assi tagħha (ara l-**Kaxxa 15**).

Kaxxa 15 – Kopertura ta' riskji straordinarji fi Spanja

Fi Spanja, il-kumpaniji privati jiġbru ħlas addizzjonali għal riskji straordinarji fuq il-kuntratti tal-assigurazzjoni u jittrasferuh lill-entità pubblika "*Consorcio de compensación Seguros*" (CCS) kull xahar, filwaqt li jżommu ammont żgħir bħala kummissjoni.

Fil-każ ta' ħsara kkawżata minn riskju straordinarju ddefinit legalment, bħall-għargħar, is-CCS tikkumpensa lid-detentur tal-polza. L-entità pubblika nfisha ma toħroġx poloz tal-assigurazzjoni. Din il-kopertura fakultattiva tar-riskji straordinarju trid tkun mehmuża mal-poloz tal-assigurazzjoni li jkopru l-assi.

Il-Kummissjoni Ewropea^{Error! Bookmark not defined.} stmat li l-kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar fis-suq tal-assigurazzjoni Spanjol hija ta' aktar minn 75 % għall-unitajiet domestiċi u s-settur kummerċjali. Is-CCS hija wkoll sors ewlieni ta' *data* għall-awtoritajiet pubbliċi fi Spanja meta jkunu qed jivvalutaw ħsarat ikkawżati mill-għargħar, notevolment meta jkunu qed jiżviluppaw metodoloġija ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

⁵⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport finali dwar l-"[Insurance of weather and climate related disaster risk: Inventory and analysis of mechanisms to support damage prevention in the EU](#)" (Assigurazzjoni kontra r-risku ta' diżastri relatati mat-temp u mal-klima: Inventarju u analiżi ta' mekkaniżmi li jappoġġaw il-prevenzjoni tal-ħsara fl-UE), 2017, p. 109.

⁶⁰ Madwar 60 % tal-pajjiż jinsab f'żoni suxxettibbli għall-għargħar, li fihom jgħixu madwar 9 miljun persuna u fejn jiġi prodott madwar 70 % tal-PDG.

Ġew stabbiliti xi regolamenti dwar l-użu tal-art u l-ippjanar spazjali biex jimmitigaw ir-riskju ta' għargħar, iżda l-Istati Membri kellhom jieħdu azzjonijiet ulterjuri biex isir dan

95. Id-Direttiva dwar l-Għargħar issemmi wkoll l-użu tal-art u l-ippjanar spazjali bħala aspetti li l-FRMPs iridu jqisu. Dawn l-attivitajiet huma importanti biex jiġi limitat l-esponiment ta' persuni u l-assi f'żoni li jinsabu f'riskju ta' għargħar (ara l-**paragrafu 16**) u jitnaqqas l-iskol minn żoni li jinsabu fin-naħa ta' fuq tax-xmara.

96. Aħna sibna li l-Istati Membri kollha li saritilhom żjara kienu introduċew xi regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art li jillimitaw jew jipprojbixxu ċerti attivitajiet f'żoni suxxettibbli għall-għargħar. L-Awstrija, is-Slovenja u Spanja kienu integraw b'mod ċar il-politika tagħhom dwar l-ippjanar spazjali fi ħdan l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (ara l-**Kaxxa 16**).

Kaxxa 16 – Każijiet ta' integrazzjoni ċara tal-ippjanar spazjali fi ħdan l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar

Fl-Awstrija, il-pjanijiet relatati ma' żoni ta' periklu juru ż-żoni li jinsabu f'riskju ta' għargħar, xmajriet fil-muntanji, valangi u erożjoni. Il-pjanijiet ta' tqassim f'żoni u ta' żvilupp tal-muniċipalitajiet jinkludu informazzjoni dwar żoni ta' periklu, li tiffirma l-bażi għal ippjanar ulterjuri.

L-awtoritajiet Spanjoli elenkaw l-adozzjoni ta' digriet dwar l-ippjanar spazjali bħala waħda mill-kisbiet ewlenin tad-Direttiva dwar l-Għargħar. Limitazzjonijiet stretti huma imposti fuq il-biċċa l-kbira mill-użi tal-art fil-passaġġ prinċipali minn fejn jgħaddi l-għargħar, fejn hemm probabbiltà medja ta' għargħar.

97. Madankollu, f'ħames Stati Membri li saritilhom żjara, id-definizzjonijiet ta' żoni suxxettibbli għall-għargħar spiss ma kinux ċari jew mhux dejjem kien hemm rabta diretta mal-mapep ta' perikli ta' għargħar li joħorġu mill-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar. Pereżempju, filwaqt li r-Rumanija kienet introduċiet restrizzjonijiet f'“żoni li jistgħu jintlaqtu minn għargħar”, dan il-kunċett ma kienx iddefinit b'mod ċar u l-liġi ma torbtux mal-immappjar tal-għargħar. Ir-regolamenti la kienu jindikaw it-tip, la l-frekwenza tal-għargħar, u lanqas il-fond tal-ilma meqjus.

98. L-FRMPs fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fil-Portugall u fir-Rumanija kienu jinkludu miżuri, li għadhom ma ġewx implimentati, biex jiġu aġġornati r-regolamenti dwar l-ippjanar jew biex l-ippjanar tal-użu tal-art jiġi integrat aħjar fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar, u għaldaqstant irrikonoxxew l-insuffiċjenzi fir-regolamenti attwali. Fil-Portugall, miżura għall-

prevenzjoni nazzjonali għandha l-għan li tistabbilixxi żoni ta' għargħar skont ix-xenarji ta' għargħar. Il-miżura biħsiebha tistabbilixxi kundizzjonijiet fuq il-kostruzzjoni f'żoni bi probabbiltà medja ta' għargħar u li tipprojbixxih f'żoni fejn il-probabbiltà ta' għargħar tkun għolja.

99. L-Istati Membri kollha li saritilhom żjara għandhom il-mezzi legali biex jittrasferixxu l-assi, pereżempju, permezz ta' esproprijazzjoni (ara l-**Figura 8**). Madankollu, l-awtoritajiet fl-Istati Membri li saritilhom żjara spjegaw li dawn is-setgħat kienu rarament jiġu infurzati, jew kienu jiġu eżerċitati biss bħala l-aħħar alternattiva. Dan kien il-każ kullimkien, prinċipalment minħabba li l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tal-assi u l-persuni kienu legalment diffiċli biex jiġu ssodisfati u kienu għaljin.

Figura 8 – Każ ta' esproprijazzjoni fin-Nofsinhar ta' Spanja

Sitwazzjoni preċedenti



Wara l-proġett



□ Żoni fejn ġew żarmati xi kostruzzjonijiet

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq il-Ministeru għall-Agricoltura u s-Sajd, l-Ikel u l-Ambjent ta' Spanja.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

100. Aħna sibna li, b'mod kumplessiv, id-Direttiva dwar l-Għargħar kellha effetti pożittivi (ara l-**paragrafi 32 sa 45**), b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri (ara l-**paragrafi 33 sa 37**), u l-valutazzjoni tar-riskji ta' għargħar (ara l-**paragrafi 38 sa 40**). Kien hemm ċerti dgħuifijiet, iżda wkoll xi prattiki tajbin, fl-allokazzjoni tal-finanzjament (ara l-**paragrafi 50 sa 57**), fil-prijoritizzazzjoni ta' miżuri relatati mal-għargħar (ara l-**paragrafi 58 sa 60**) u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (ara l-**paragrafi 61 sa 76**). Għad fadal sfidi sinifikanti li

jridu jiġu indirizzati fil-futur biex it-tibdil fil-klima, is-sistemi ta' assigurazzjoni kontra l-għargħar u l-ippjanar spazjali jiġu inkorporati b'mod ferm aktar sod fi ħdan l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (ara l-[paragrafi 77 sa 99](#)).

101. Id-Direttiva dwar l-Għargħar tejbet il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u rriżultat fi progress fil-valutazzjoni tar-riskji ta' għargħar. Din id-Direttiva għet ibbażata fuq xogħol eżistenti, inkluża l-kooperazzjoni li ilha għaddejja bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-kooperazzjoni transkonfinali kienet tinvolvi prinċipalment l-iskambju ta' informazzjoni, u ma kinitx għet estiża għall-ippjanar konġunt internazzjonali għal baċiri tax-xmajjar kondiviżi (ara l-[paragrafi 32 sa 45](#)).

102. B'mod ġenerali, l-oġġettivi fl-FRMPs la kienu kwantifikati u lanqas marbutin biż-żmien. F'seba' Stati Membri li saritilhom żjara, aħna sibna li l-FRMPs stabbilew oġġettivi ta' politika li kienu ġenerali wisq. Dan xekkel il-valutazzjoni tar-riżultati u l-istabbiliment ta' qafas ta' responsabbiltà għall-korpi involuti (ara l-[paragrafi 47 sa 49](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Isir titjib fl-obbligu ta' rendikont

Jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, tivverifika, meta tkun qed teżamina l-FRMPs tat-tieni ċiklu u taċ-ċikli sussegwenti, li l-Istati Membri jistabbilixxu oġġettivi kwantifikabbli u marbutin biż-żmien għall-azzjoni relatata mal-għargħar, u b'hekk il-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tagħhom ikun jista' jiġi vvalutat, skont id-Direttiva dwar l-Għargħar. Hija għandha tikkondividi mal-Istati Membri kollha kwalunkwe eżempju ta' Prattika tajba fl-istabbiliment tal-oġġettivi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2022.

103. Aħna sibna li s-sorsi ta' finanzjament, kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE, ġew identifikati u żgurati biss parzjalment, u li l-finanzjament għall-investimenti transkonfinali kien limitat. L-FRMPs mhumiex programmi ta' finanzjament, għalhekk kwalunkwe ammont irreġistrat mhux neċessarjament ikun disponibbli. Din is-sitwazzjoni żżid l-insigurtà tal-finanzjament tal-azzjoni relatata mal-għargħar (ara l-[paragrafi 50 sa 56](#)). Il-finanzjament għall-investment transkonfinali kien limitat (ara l-[paragrafu 57](#)).

Rakkomandazzjoni 2 – Isir titjib fl-identifikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji fl-FRMPs, inkluż għall-azzjoni transkonfinali

Għat-tieni ċiklu tad-Direttiva dwar l-Għargħar, jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, tivvaluta u tirrapporta dwar jekk l-Istati Membri jkunux:

- (a) identifikaw sorsi ta' finanzjament biex ikopru l-ħtiġijiet ta' investiment li jirriżultaw mill-FRMPs u jkunux stabbilew skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni f'konformità mal-finanzjament disponibbli;
- (b) qiesu l-investiment transkonfinali għall-miżuri relatati mal-għargħar għall-baċiri tax-xmajjar internazzjonali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2022.

104. Il-proċeduri ta' klassifikazzjoni għall-allokazzjoni ta' riżorsi għal miżuri relatati mal-għargħar għandhom ikunu marbutin aktar mill-qrib mal-prijoritajiet fl-FRMPs. F'sebgħa mill-Istati Membri li saritilhom żjara, dawn il-proċeduri ppreżentaw ċerti dgħufijiet. Pereżempju, f'erba' Stati Membri, il-livell ta' tnejn ta' proġett għall-implimentazzjoni, aktar milli l-effettività potenzjali tiegħu, kien kunsiderazzjoni ewlenija għall-prijoritizzazzjoni tal-proġetti (ara l-**paragrafi 58 sa 60**).

105. L-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar jirrikjedi *data* ta' kwalità tajba dwar it-temp, it-topografija, l-idroloġija u l-attivitajiet tal-bniedem. Aħna sibna li l-Istati Membri li saritilhom żjara kienu konxji tal-benefiċċji ta' investiment f'teknoloġiji u f'*data* biex iħaddmu mudelli li jgħinu fl-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar. Fl-Istati Membri kollha li saritilhom żjara, aħna sibna wkoll li l-immudellar ikkontribwixxa għall-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-għargħar (ara l-**paragrafi 63 sa 67**).

106. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li saritilhom żjara użaw analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji meta kienu qed ifasslu jew jagħżlu l-proġetti. Aħna ltqajna ma' każijiet fejn inqabdu ċerti dgħufijiet (ara l-**paragrafu 68**).

Rakkomandazzjoni 3 – Isir titjib fil-proċeduri ta’ prijoritizzazzjoni u jinkiseb valur għall-flus

Fejn jintalbu fondi tal-UE, jenħtieġ li **I-Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar u skont il-modalità ta’ ġestjoni kondiviża, tikkofinanzja biss miżuri relatati mal-għargħar li jkunu ġew prijoritizzati skont l-FRMPs futuri. Din il-prijoritizzazzjoni mill-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u rilevanti, inklużi:

- analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tkun ta’ kwalità tajba, sabiex jinkiseb l-aħjar valur għall-flus għall-investimenti, u
- fejn ikun rilevanti, kriterju relatat mal-impatt transkonfinali tal-proġetti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2022.

107. Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ġeneralment ġeneralment irriżultat f’sinerġiji. Xi FRMPs urew sinjali ta’ sforzi biex tiġi rinfurzata l-konformità tagħhom mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Madankollu, fil-Bulgarija u fir-Rumanija, aħna żorna proġetti li ma kinux konformi ma’ din id-direttiva (ara l-**paragrafi 69 u 70**).

Rakkomandazzjoni 4 – Tinkiseb il-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma

Jenħtieġ li **I-Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tinforza l-konformità tal-infrastruttura l-ġdida kontra l-għargħar, li tkun ġiet proposta mill-Istati Membri fl-FMRPs, mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Jannar 2019.

108. Il-proġetti ta’ infrastruttura ekoloġika għandhom bosta benefiċċji. Huma joffru mezzi kosteffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju ta’ għargħar, u l-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tippromwovi soluzzjonijiet ekoloġiċi (ara l-**paragrafu 71**). Dawn l-infrastrutturi jistgħu wkoll jintużaw b’mod effettiv flimkien ma’ infrastruttura griża (ara l-**paragrafu 72** u l-**Kaxxa 12**), bħala miżuri kumplimentari.

109. Madankollu, xi kultant is-soluzzjonijiet ekoloġiċi jistgħu jkunu diffiċli biex jitwettqu fil-prattika. F’sitt Stati Membri li saritilhom żjara, l-FRMPs ma kinux jiffukaw fuq l-infrastruttura

ekoloġika. Minbarra n-nuqqas ta' appoġġ mill-partijiet ikkonċernati f'ċerti każijiet, aħna ltqajna wkoll ma' ostakoli prattiċi għall-ħolqien ta' infrastruttura ekoloġika, bħan-nuqqas ta' metodoloġija adegwata, reġistru tal-artijiet jew art disponibbli (ara l-**paragrafi 72 sa 76**).

Rakkomandazzjoni 5 – Jiġi vverifikat li l-Istati Membri jkunu analizzaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ekoloġiċi flimkien ma' infrastruttura griża, fejn ikun xieraq

Jenħtiegħ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tivverifika li, kull meta jintalab kofinanzjament mill-UE, l-Istati Membri jkunu analizzaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ekoloġiċi sinifikanti, waħidhom jew flimkien ma' soluzzjonijiet relatati mal-infrastrutturi griżi.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Jannar 2019.

110. L-Istati Membri li saritilhom żjara ma setgħux iqisu l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-kobor, il-frekwenza u l-post tal-għargħar. Ġew rikonnoxxuti xi xejriet, bħall-għargħar għal għarrieda, iżda dawn kienu għadhom ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fil-mudelli tal-għargħar (ara l-**paragrafi 81 u 82**).

111. Iż-żieda fil-livell tal-baħar, li tiġi kkawżata mit-tibdil fil-klima, iżżid ir-riskju ta' għargħar kostali. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri kienu qiesu biss it-tibdil fil-klima meta kienu qed jistabbilixxu APSFRs fiż-żoni kostali. Madankollu, aħna sibna li fil-biċċa l-kbira ma kienx ċar kif ix-xejriet futuri fiż-żieda fil-livelli tal-baħar kienu tqiesu fil-metodoloġiji applikati. Għall-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, speċjalment dawk li għandhom bliet ewlenin, abitanti u infrastruttura f'reġjuni kostali, se jsir dejjem aktar importanti li jkunu konxji taż-żidiet probabbli fil-livelli tal-baħar, u li jippjanaw għalihom (ara l-**paragrafi 83 sa 85**).

112. L-Istati Membri ġeneralment użaw *data* storika, li għandha r-riskju li ma tirriflettix ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, li qed jiżdiedu u jinbidlu. Fl-immappjar, il-probabbiltajiet ta' għargħar huma espressi f'termini tal-“perjodu probabbli ta' rikorrenza”, jew bħala perċentwal li jirrifletti l-probabbiltà ta' okkorrenza ta' għargħar f'sena partikolari. Dawn iċ-ċifri, ibbażati fuq *data* storika, ma jirriflettux il-kundizzjonijiet futuri tat-temp jew il-bidliet potenzjali fil-frekwenza u s-severità tal-għargħar. Id-deċizzjonijiet ta' investiment kienu spiss affettwati mill-istess preġudizzju. Il-konsegwenzi tal-għargħar għal għarrieda u l-impatt taż-

żieda fil-livell tal-baħar jistgħu jiġu sottovalutati, u dan joħloq ir-riskju li l-investimenti ikunu inadegwati aktar malajr milli jkun previst u jsiru “assi mitlufa” (ara l-**paragrafi 86 sa 88**).

Rakkomandazzjoni 6 – Jiġu integrati aħjar l-effetti tat-tibdil fil-klima fl-immaniġġjar tar-riskju ta’ għargħar

A- Jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, tivverifika li l-FRMPs ikunu jinkludu miżuri biex isir titjib fl-għarfien u fl-immudellar tal-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-għargħar.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Lulju 2019.

B- Fl-eżaminar li hija twettaq tad-dokumenti meħtieġa għat-tieni ċiklu tad-Direttiva dwar l-Għargħar, jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar, tivverifika jekk l-Istati Membri:

(a) jistmawx u jimmudellawx l-impatt li t-tibdil fil-klima għandu fuq l-għargħar permezz ta’ studji u riċerka;

(b) jiżviluppawx għodod xierqa biex janalizzaw u jipprevedu aħjar:

- l-għargħar mix-xita, inkluż l-għargħar għal għarrieda;
- l-għargħar kostali minħabba żieda fil-livelli tal-baħar;

(c) fejn l-impatt tat-tibdil fil-klima ma jkunx kwantifikabbli, jippjanawx miżuri flessibbli biex, jekk ikun meħtieġ, jiġi aġġustat il-livell ta’ protezzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2019 (valutazzjonijiet preliminari tar-riskju ta’ għargħar) u Marzu 2022 (FRMPs).

113. Fil-kuntest tar-riskju relatat mal-klima, li qiegħed dejjem jikber, (ara l-**paragrafi 4 sa 13**), l-assigurazzjoni hija għodda għall-immaniġġjar tar-riskju ta’ għargħar (ara l-**paragrafu 16**). Għalkemm jeżistu diversi mudelli ta’ assicurazzjoni, il-mudell l-aktar użat fl-Istati Membri li saritilhom żjara kien il-forniment ta’ servizzi ta’ assicurazzjoni, privata mhux obligatorja, kontra l-għargħar. Fejn l-Istati Membri għażlu li jkollhom assicurazzjoni privata kontra l-għargħar, il-kopertura baqgħet baxxa, li jfisser li kien għad hemm falliment tas-suq. Aħna sibna li l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat fir-rigward tal-assicurazzjoni kontra l-għargħar żiedet il-kopertura tal-assi (ara l-**paragrafi 89 sa 94**).

Rakkomandazzjoni 7 – Tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar u jsiru sforzi biex tiżdied il-kopertura

Jenħtiegħ li l-**Kummissjoni**, fl-eżaminar li hija twettaq tal-FRMPs għat-tieni ċiklu, tivverifika jekk l-Istati Membri jkunux ippjanaw azzjoni biex:

- (a) iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji ta' kopertura tal-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' għargħar; u
- (b) iżidu l-kopertura, eż. permezz ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat fir-rigward tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2022.

114. Ġew stabbiliti xi regolamenti dwar l-użu tal-art u l-ippjanar spazjali biex jimmitigaw ir-riskju ta' għargħar, iżda l-Istati Membri kellhom jieħdu azzjonijiet ulterjuri biex isir dan. L-Istati Membri kollha li saritilhom żjara kienu implimentaw xi regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art li kienu jillimitaw jew jipprojbixxu ċerti attivitajiet f'żoni suxxettibbli għall-għargħar. Aħna sibna każijiet fejn l-Istati Membri kienu inkorporaw b'mod ċar il-politika tagħhom dwar l-ippjanar spazjali fi ħdan l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (ara l-**paragrafi 95 u 96**).

115. Madankollu, xi regolamenti nazzjonali dwar l-użu tal-art u dwar l-ippjanar spazjali ma kinux speċifiċi u kompleti biżżejjed biex ir-riskju ta' għargħar jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod korrett. Xi FRMPs inkludew miżuri biex jiġu aġġornati r-regolamenti dwar l-ippjanar jew biex, fil-futur, l-ippjanar tal-użu tal-art jiġi integrat aħjar fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar, u għaldaqstant jiġu rikonoxxuti ċerti dgħufijiet fir-regolamenti attwali, iżda dawn il-miżuri kienu għadhom ma ġewx implimentati. Anke jekk ġew stabbiliti mezzi legali biex jiġu ttrasferiti l-assi, bħall-esproprjazzjoni, dawn is-setgħat kienu rarament jiġu infurzati jew kienu jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva (ara l-**paragrafi 97 sa 99**).

Rakkomandazzjoni 8 – Jiġi vvalutat l-allinjament tal-FRMPs mar-regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art

Jenħtieġ li l-**Kummissjoni**, fil-kapaċità superviżorja tagħha skont id-Direttiva dwar l-Għargħar:

- (a) tivverifika jekk l-Istati Membri jkunux użaw l-FRMPs tagħhom biex jivvalutaw il-punt sa fejn ir-regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art fl-Istati Membri jkunu mfassla b'mod adegwat u infurzati b'mod effettiv f'żoni li jinsabu f'riskju ta' għargħar; u
- (b) ixxerred prattiki tajbin u gwida lill-Istati Membri.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Marzu 2020.

Dan ir-Rapport Speċjali ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Nikolaos MILIONIS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-19 ta' Settembru 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE
President

ANNEX I**TIPI DIFFERENTI TA' PROJETTI RELATATI MAL-GĦARGĦAR**

Pjanura ta' espansjoni tal-għargħar użata wkoll bhalta mergħa għal azjenda agrikola organika tal-baqar tal-ħalib (In-Netherlands)



Imbankment tax-xmara b'hitana li jistgħu jitneħħew li jippermetti l-għargħar ikkontrollat ta' xatt wieħed tax-xmara, sabiex jiġi protett ix-xatt oppost b'popolazzjoni densa (Is-Slovenja)



Ġibjun xott użat għall-ħżin temporanju tal-ilma biex jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar tal-bliet li jinsabu 'l isfel. Il-110 ettari tal-ġibjun jintużaw ukoll għall-biedja (I-Italja)



Imbankment kostali biex jiġi pprevenut l-għargħar ta' żona residenzjali. L-għoli tal-imbankment jista' jiżdied fil-futur jekk jiżdied il-periklu ta' għargħar (Il-Bulgarija)




Kostruzzjoni ta' ħajt b'tul ta' 200 metru fil-konfluenza ta' żewġ xmajjar fejn kien sehgh għargħar fil-passat (Spanja)

Netwerks ta' monitoraġġ meteoroloġiku jiġbru d-data użata fl-immudellar u l-evalwazzjoni tar-riskju, filwaqt li jikkontribwixxu għal tfassil ta' politiki bbażati fuq l-evidenza (Il-Portugall)



ANNEX II





EŻEMPJU TA' MAPEP TA' PERIKLU U TA' RISKJU TA' GĦARGĦAR



Mappa ta' periklu fil-belt ta' Vicenza, l-Italja, fil-każ ta' avveniment ta' għargħar bi probabbiltà ta' okkorrenza ta' 1 %
 Sors: Mapep online ppubblikati mill-Baċir Idrografiku tal-Alpi tal-Lvant, l-Italja.





Didaskaliġa:

Klassijiet tal-għoli tal-ilma:

-  0 – 0.5 m
-  0.5 – 1 m
-  1 – 2 m
-  > 2 m


Didaskaliġa:

Klassijiet tar-riskju:

-  Riskju moderat
-  Riskju medju
-  Riskju għoli
-  Riskju għoli ħafna

Il-pittogrammi fuq il-mappa jirrappreżentaw:

-  Inqas minn 500 persuna f'riskju
-   Bini u oġġetti ta' importanza kulturali
-  Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO
-  Skejjel



Mappa ta' riskju fil-belt ta' Vicenza, l-Italja, fil-każ ta' avveniment ta' għargħar bi probabbiltà ta' okkorrenza ta' 1 %
 Sors: Mapep online ppubblikati mill-Baċir Idrografiku tal-Alpi tal-Lvant, l-Italja.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

“ID-DIRETTIVA DWAR L-GĦARGĦAR: PROGRESS FIL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJI, FILWAQT LI HEMM BŻONN LI JITJIEBU L-IPPJANAR U L-IMPLIMENTAZZJONI”

SOMMARJU EŻEKUTTIV

V. L-Istati Membri huma responsabbli biex jidentifikaw u jġibu sorsi ta' finanzjament. Hemm possibiltajiet għal appoġġ mill-UE għal proġetti relatati, inklużi proġetti transfruntiera (il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) iffinanzjat investimenti differenti għall-prevenzjoni tal-għargħar, kif ukoll it-tnejja u r-rispons għalihom), iżda minħabba l-limiti tal-baġit tal-UE, l-Istati Membri għandhom rwol importanti wkoll. Attivitajiet relatati ma' strateġiji makroreġjonali¹, bħall-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR), jgħinu biex jissawru attivitajiet nazzjonali billi jiġi adottat approċ transnazzjonali, eż. fil-każ ta' programmi nazzjonali kontra diżastri naturali f' diversi pajjiżi.

VI. Għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni proponiet li l-awtoritajiet ta' ġestjoni għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni għandhom “*jiżguraw li operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ, l-attivitajiet imwettqa u l-kisba tal-obiettivi*”. It-twertiq ta' analiżi tal-kost-benefiċċji jista' jkun għodda effettiva għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi u tappoġġa l-użu tal-metodoloġija stabbilita għall-analiżi tal-kost-benefiċċji.

L-analiżi tal-kost-benefiċċju hija rekwiżit fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għal investimenti ffinanzjati permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jew il-Fond ta' Koeżjoni li huma proġetti magħguri fit-tifsira tal-Artikolu 100 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (Common Provision Regulation, CPR)². Barra minn hekk, f'Diċembru tal-2014 il-Kummissjoni ħarġet gwida għall-analiżi tal-kost-benefiċċju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 bħala għodda ta' evalwazzjoni ekonomika għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020.

Billi d-Direttiva dwar l-Għargħar (l-Artikolu 7) ssemmi l-ippjanar spazjali, l-użu tal-art, iż-żamma tal-ilma tal-pjanuri mfawra naturali u l-għargħar ikkontrollat ta' ċerti żoni, li huma kollha rilevanti għall-promozzjoni tal-infrastruttura ekoloġika aktar minn soluzzjonijiet griżi, id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej (Fondi SIE), id-Direttiva dwar l-Għargħar u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) ma jagħmlux l-użu ta' infrastruttura ekoloġika obligatorju.

VIII.

L-ewwel inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjoni 1.

It-tieni inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjoni 2.

¹ ‘Strateġija makroreġjonali’ hija qafas integrat endorsjat mill-Kunsill Ewropew, li jista' jiġi appoġġat mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fost oħrajn, biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni li qed tiffaċċja żona ġeografika definita relatata ma' Stati Membri u pajjiżi terzi li jinsabu fl-istess żona ġeografika li b'hekk jibbenefikaw minn kooperazzjoni msaħħa li tikkontribwixxi għall-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; ara http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/cooperation/macro-regional-strategies/.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013.

It-tielet inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjoni 3.
Ir-raba' inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjonijiet 4 u 5.
Il-ħames inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjonijiet 6 u 7.
Is-sitt inċiż: Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjoni 8.

INTRODUZZJONI

17. L-inizjattiva RescEU mmexxija mid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DG ECHO) jista' jkollha rwol ukoll fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-UE biex tipprevjeni jew ittaffi l-effetti negattivi tal-ghargħar³.

21. Sabiex jiġi żgurati użu effiċjenti u effikaċi tal-Fondi SIE, l-Istati Membri fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni ħejjew Ftehim ta' Sħubija li jstabbilixxi l-istrateġija, il-prijoritajiet u l-arranġamenti tagħhom għall-implimentazzjoni tal-fondi, inkluż il-komplementarjetà u l-koerenza ma' strumenti oħra tal-UE kif ukoll mal-istrumenti ta' appoġġ nazzjonali/reġjonali oħra.

22. Id-*data* tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond ta' Koeżjoni hija rrapportata għar-riskji kollha flimkien.

24. Sabiex titjeb l-informazzjoni miġbura, il-Kummissjoni pproponiet analiżi aktar dettaljata għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss 2021-2027, inkluża *data* dwar l-allokazzjonijiet tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni "*Miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati mal-klima: għargħar (inkluż is-sensibilizzazzjoni, il-protezzjoni ċivili u s-sistemi u l-infrastrutturi għall-ġestjoni tad-diżastri)*" u indikatur tar-riżultat dwar "*Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar*".

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jappoġġa l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura u l-forestrija, li tista' tinkludi l-prevenzjoni tal-għargħar, ir-restawr tal-potenzjal tal-agrikoltura u tal-forestrija meqruda minn għargħar u l-adozzjoni ta' strumenti għall-ġestjoni tar-riskju (eż. ta' assigurazzjonijiet u fondi mutwi). Nefqa pubblika totali: madwar EUR 4,8 biljun, li minnhom sa issa ntefqu madwar EUR 0,7 biljun. Il-miżuri l-oħra tal-Programm għall-Iżvilupp Rurali jista' jkollhom effett indirett fil-prevenzjoni tal-għargħar u t-tnaqqis tal-ħsara kkaġunata mill-għargħar.

OSSERVAZZJONIJIET

Kaxxa 6 – finanzjament tal-UE: sors importanti ta' finanzjament għall-Pjanijiet tal-Ġestjoni tar-Riskji tal-Għargħar (Flood Risk Management Plans, FRMP)

Il-Kummissjoni tfakkar li l-programmi tal-Fondi SIE u l-FRMPs ikopru perjodi ta' żmien differenti.

It-tielet inċiż: B'mod aktar ġenerali, l-assi prijoritarju 5 ta' Programm Operazzjonali Rumien għall-Infrastruttura Kbira 2014-2020 jalloka EUR 479 miljun għall-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, inklużi proġetti ta' ġestjoni tar-riskji tal-għargħar.

55. Il-Ftehim Spanjol ta' Sħubija tal-Fondi SIE jirreferi għall-kompetenza primarja tal-Komunitajiet Awtonomi fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju. Meta l-analiżi SWOT⁴ identifika il-

³ Jekk jogħġbok ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Regġuni. Insaħħu l-Ġestjoni tad-diżastri fl-UE: RescEU. Solidarjetà b'Responsabbiltà (23.11.2017 COM(2017) 773 final) (https://ec.europa.eu/echo/sites/echo-site/files/eu_disaster_management_rescue.pdf) u l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-emenda tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/EU dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Porotezzjoni Ċivili // COM(2017) 772 final // 2017/0309 (COD) (https://ec.europa.eu/echo/sites/echo-site/files/decision_rev1313_772final.pdf)
Jekk jogħġbok ara l-paġna li jmiss: https://ec.europa.eu/echo/news/resceu_en

⁴ Punti Sodi, Nuqqasijiet, Opportunitajiet u Theddid

prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju bħala dgħufija speċifika, din imbagħad ġiet inkluża bħala prijorità għal finanzjament rilevanti ta' programmi operazzjonali (PO). Matul il-perjodu attwali, erba' PO reġjonali Spanjoli jaħsbu għal miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni tar-riskji, inklużi miżuri kontra l-għargħar. Dawn huma il-PO Galicia, País Vasco, Andalucía u tal-Gżejjer Kanarji.

56. Ir-Rumanija għandha l-ħsieb li tuża 35 % tal-allokkazzjoni totali għall-assi prijoritarji dwar “*Il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji*” tal-programm, (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 6) għal proġett tar-riabilitazzjoni tal-erożjoni kostali li jindirizza r-riskju tal-erożjoni, hu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni lokali, u jikkontribwixxi għal Natura 2000.

57. Minbarra l-iskambju ta' informazzjoni (li hija waħda mill-attivitajiet kofinanzjati minn proġetti transfruntiera), il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) iffinanzjat diversi investimenti oħra għall-prevenzjoni tal-għargħar, kif ukoll fit-tnejn u r-reazzjoni għalihom.

Minkejja l-fatt li proġetti ta' kooperazzjoni bħala tali għandhom baġit limitat min-naħa tal-UE, l-impatti ġenerali tagħhom huma ferm akbar, għaliex dawn jistgħu jiskattaw investimenti akbar fuq il-livell nazzjonali b' mod ikoordinat internazzjonalment (transnazzjonalment).

60. Fir-rigward tal-Fondi SIE, l-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għall-istabbiliment ta' kriterji għas-selezzjoni ta' operazzjonijiet, it-tneidja ta' sejħiet għal proposti, l-evalwazzjoni u l-għażla ta' proġetti għall-finanzjament.

64. Id-Data topografika u tal-użu tal-art fir-Rumanija se tibbenefika mill-proġett Cadastre previst mill-Programm Operazzjonali Reġjonali (EUR 265 miljun).

68. L-użu tal-analiżi tal-kost-benefiċċju huwa rekwiżit fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għal investimenti ffinanzjati permezz tal-FEŻR jew tal-Fond ta' Koeżjoni li huma proġetti maġġuri fit-tifsira tal-Artikolu 100 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)⁵. Dan huwa stipulat fl-Artikolu 101 tas-CPR, li jstabbilixxi l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni ta' proġett maġġuri. Skont il-punt (e), analiżi tal-kost-benefiċċju, inkluża analiżi ekonomika u finanzjarja, u valutazzjoni tar-riskju huma meħtieġa għal kull proġett maġġuri. Barra minn hekk, l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/207 tal-20 ta' Jannar 2015 jstabbilixxi d-dettalji tar-rekwiżiti ta' informazzjoni marbuta mal-analiżi finanzjarja, l-analiżi ekonomika, il-valutazzjoni tar-riskju u l-analiżi tas-sensittività li jeħtieġ li tiġi ppreżentata fil-formola ta' applikazzjoni għal proġett maġġuri. Barra minn hekk, f'Diċembru tal-2014 il-Kummissjoni ħarġet gwida għall-analiżi tal-kost-benefiċċju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 bħala għodda ta' evalwazzjoni ekonomika għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020. Dan huwa aġġornament tal-gwida preċedenti, li kienet tintuża għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

70. Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u se tkompli tivvaluta din il-kwistjoni f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “*Id-dritt tal-UE: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar*” tad-19 ta' Jannar 2017.

73. Fir-Repubblika Ċeka, l-infrastruttura ekoloġika hija appoġġata mhux biss bħala miżura kontra l-għargħar. Bosta proġetti huma appoġġati bħala attività tal-ħarsien tan-natura filwaqt li indirettament isir kontribut għall-oġġettivi FRMP.

74. Fir-rigward tal-Bulgarija, il-Kummissjoni tqis li l-oġġettivi tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Bijodiversità sal-2020 huma konformi mal-Istrateġija tal-UE għall-Infrastrutturi Ekoloġiċi. Il-

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013.

Bulgarija għandha l-għan li tintegra n-Netwerk Ekoloġiku Nazzjonali tagħha fin-netwerk ekoloġiku tal-UE u dak globali u li tnedi żoni, inħawi u kurituri transfruntiera protetti. L-ewwel artijiet mistagħdra transfruntiera protetti skont il-Konvenzjoni Ramsar tħabbru fl-2013, b'ġestjoni kondiviża bejn il-Bulgarija u r-Rumanija: Silver - Yezerul Calarash, Belene Islands Complex - Suhaia and Island Ibisha – Bistrets. Il-Bulgarija hija parti mill-Inizjattiva Ewropea Green Belt.

75. Fir-rigward tar-Rumanija, il-proġett Cadastre msemmi fit-tweġiba għall-paragrafu 64 għandu jiġi implimentat fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti.

Fir-rigward tal-Bulgarija, ġew implimentati għadd ta' attivitajiet⁶, inkluża valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-habitats riparji u l-impatt tal-modifiki tal-kanali tal-ilma fuq il-bijodiversità fil-partijiet ta' taħt tax-xmajjar. Il-Pjan Nazzjonali għall-Aktar Artijiet Mistagħdra Importanti fil-Bulgarija (2013-2022) jistabbilixxi l-protezzjoni, il-manutenzjoni u r-restawr bħala prijoritajiet, kif ukoll il-miżuri orizzontali għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-artijiet mistagħdra⁷. Madankollu, il-Bulgarija għadha qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura ekoloġika.

76. Il-qafas legali tal-FAEŻR jipprovdi lill-Istati Membri b'sett ta' strumenti mhux obligatorji li jistgħu jintużaw biex tiġi promossa l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura u l-forestrija.

Minkejja li l-Kummissjoni tippromwovi l-applikazzjonijiet tal-infrastruttura ekoloġika, huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom biex jadottaw miżuri kontra l-għargħar inkluża l-infrastruttura ekoloġika.

Madankollu, id-definizzjoni ta' infrastruttura ekoloġika għandha titfassal fil-livell tal-Istati Membri fil-qafas tal-Istrateġija għall-Infrastruttura Ekoloġika (mhux obligatorja), li għadha ma tfaqqas mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

Kif imsemmi fit-tweġiba għall-paragrafu 24, il-miżuri tal-Programm għall-Iżvilupp Rurali jista' jkollhom effett indirett li jiprevjeni l-għargħar (l-operazzjonijiet immirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-ammonja) u t-tnaqqis tal-ħsara kkaġunata mill-għargħar (eż. iż-żamma tal-veġetazzjoni fil-ħamrija biex tipprevjeni l-erożjoni).

77. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-Klima hija waħda mill-prijoritajiet tal-politika tal-Kummissjoni. Barra mid-Direttiva dwar l-Għargħar, il-Kummissjoni stabbiliet, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, pakkett komprensiv ta' leġislazzjoni u strumenti oħra għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra) u l-adattament (għall-impatti tat-tibdil fil-klima).

87. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-prijoritizzazzjoni tal-finanzjament huma ta' kompetenza nazzjonali jew reġjonali skont il-livell ta' ppjanar. Barra minn hekk, meta jkunu indikati l-investimenti privati din hija deċiżjoni bbażata fuq id-disponibbiltà ta' fondi privati.

90. Il-qafas legali tal-FAEŻR jipprovdi lill-Istati Membri b'sett ta' strumenti mhux obligatorji li jistgħu jintużaw biex tiġi promossa l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura u l-forestrija.

⁶ Dawn l-attivitajiet huma relatati ma' miżuri differenti fil-Pjan Nazzjonali tal-Konservazzjoni tal-Bijodiversità għall-2005-2010.

⁷ Il-pjan jinkludi miżuri għar-rikonnessjoni spazjali u funzjonali ta' habitats tal-artijiet mistagħdra f'konformità mal-kunċett ta' Infrastruttura Ekoloġika. Jinsabu għaddejjin numru ta' inizjattivi tar-restawr lokali, ħafna drabi bl-involvement ta' sħubijiet bejn l-NGOs, il-partijiet interessati lokali u l-awtoritajiet tal-ġestjoni taż-żoni protetti.

L-emenda riċenti tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (ir-Regolament dwar l-iżvilupp rurali) kellha l-għan li tindirizza xi wħud mill-kwistjonijiet li xekklju l-adozzjoni ta' strumenti ta' ġestjoni tar-riskju mill-Istati Membri. L-Istati Membri issa jistgħu jagħtu appoġġ, fost l-oħrajn, lill-kuntratti ta' assigurazzjoni li jkopru t-telf fil-produzzjoni li jmur lil hinn minn 20 % tal-produzzjoni medja annwali. Il-kuntratti jistgħu wkoll ikopru t-telf minħabba l-għargħar. L-użu ta' dawn l-istrumenti jiddependi minn kemm l-Istati Membri jintroduċuhom fil-programmi rispettivi tagħhom tal-iżvilupp rurali.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Rakkomandazzjoni 1 – Titjeb ir-responsabbiltà

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

L-Anness tad-Direttiva dwar l-Għargħar jipprevedi għat-2 FRMPs li “... *valutazzjoni tal-progress li sar lejn il-kisba tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 7(2); ...*” u l-Kummissjoni, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha tal-1^{el} FRMPs tal-Istati Membri, diġà qed tiċċekkja jekk stabbilixxewx oġġettivi kwantifikabbli u marbutin biż-żmien u s-sejbiet se jiġu kondiviżi mal-Istati Membri (u eventwalment mal-pubbliku) għad-disseminazzjoni tal-prassi t-tajba.

Tabilħaqq, kull Stat Membru jinħtieġ li jistabbilixxi metodoloġija għal dan l-għan. Madankollu, id-Direttiva ma tippreskrivix kif għandha ssir il-valutazzjoni tal-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi min-naħa tal-Istati Membri, lanqas ma jeżisti indikatur espliċitu preskritt permezz tal-istrument legali li jista' jservi bħala xenarju ta' referenza jew indikatur, biex jitqabbel il-progress.

F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Għargħar, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-ewwel minn dawn ir-rapporti se jiġu ppubblikati sa Diċembru tal-2018 u sussegwentement kull sitt snin. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni se tkun implimentata b'mod sħiħ sa Diċembru 2024.

103. Hemm possibbiltajiet għal appoġġ mill-UE għal proġetti relatati, inklużi proġetti transfruntiera (ara t-tweġiba għall-paragrafu 57), iżda minħabba l-baġit limitat tal-UE l-Istati Membri għandhom rwol importanti wkoll. Fir-rigward ta' finanzjament għal investimenti transfruntiera, minkejja l-fatt li proġetti ta' kooperazzjoni bħala tali għandhom baġit limitat min-naħa tal-UE, l-impatti ġenerali tagħhom huma ferm akbar, għaliex dawn jistgħu jrawmu investimenti akbar fuq il-livell nazzjonali b'mod fil-livell internazzjonali (transnazzjonali). Attivitàjiet relatati ma' strateġiji makroreġjonali⁸, bħall-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR), jgħinu biex jissawru l-attivitàjiet nazzjonali billi jiġi adottat approċċ transnazzjonali, eż. fil-każ ta' programmi nazzjonali kontra diżastri naturali f'diversi pajjiżi. Bosta proġetti makroreġjonali ġew implimentati jew żviluppjati fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma u r-riskji ambjentali, b'mod partikolari dawk marbuta mal-għargħar, li qed jiġu aggravati mit-tibdil fil-klima.

Rakkomandazzjoni 2 – Titjeb l-identifikazzjoni fl-FRMPs tar-riżorsi finanzjarji, inkluż għall-azzjoni transfruntiera

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

⁸ 'Strateġija makroreġjonali' hija qafas integrat endorsjat mill-Kunsill Ewropew, li jista' jiġi appoġġat mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fost oħrajn, biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni li qed tiffaċċja żona ġeografika definita relatata ma' Stati Membri u pajjiżi terzi li jinsabu fl-istess żona ġeografika li b'hekk jibbenefikaw minn kooperazzjoni msaħħa li tikkontribwixxi għall-kisba ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; ara http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/cooperation/macro-regional-strategies/.

Il-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha tal-1^{el} FRMPs tal-Istati Membri, diġà qed tiċċekkja jekk l-Istati Membri 1) identifikawx sorsi ta' finanzjament, (2) stabbilixxewx skeda ta' żmien u (3) qed tagħmel rieżami tal-livell sa fejn qed isseħħ il-kooperazzjoni transfruntiera (inkluż dwar miżuri konġunti). Hija se tagħmel is-sejbiet tagħha pubbliċi sa Diċembru tal-2018. Madankollu, l-iċċekkjar li s-sorsi ta' finanzjament identifikati mill-Istati Membri fl-FRMPs jkunux konformi mal-fondi disponibbli (li jistgħu jkunu jew ma jkunux tat-tip tal-kofinanzjament tal-UE) mhijiex fil-kompetenza tal-Kummissjoni peress li dan ikun jimplika li jkollha aċċess għad-dispożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri u li tiċċekkjahom, l-aktar, fil-livell tal-investimenti individwali.

F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Għargħar, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-ewwel minn dawn ir-rapporti se jiġu ppubblikati sa Diċembru tal-2018 u sussegwentement kull sitt snin. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni se tkun implimentata sa Diċembru 2024.

104. Din hija kwistjoni ta' kompetenza, ipplanar u għażliet nazzjonali.

Rakkomandazzjoni 3 – Jitjiebu l-proċeduri tal-prijoritizzazzjoni u jinkiseb il-valur għall-flus

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tiegħu biss pożizzjoni dwar l-ewwel parti tar-rakkomandazzjoni (il-kofinanzjament tal-miżuri kontra l-għargħar prijoritizzati skot l-FRMPs futuri), minħabba li huwa mifhum li t-tieni sentenza (prijoritizzazzjoni mill-Istati Membri) hija rakkomandazzjoni biex tkun segwita miill-Istati Membri.

Filwaqt li bħalissa tinsab diġà fil-valutazzjoni tagħha tal-ewwel FRMPs tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tiċċekkja jekk u kif l-Istati Membri pprijoritizzaw il-miżuri u se tagħmel il-konklużjonijiet tagħha pubbliċi sa Diċembru 2018. Madankollu, huwa nnotat li l-Anness tad-Direttiva jirrikjedi biss "*deskrizzjoni tal-prijoritizzazzjoni*" u "*sommarju tal-miżuri u l-prijoritizzazzjoni tagħhom*", li jfisser li r-rekwiżit biex jiġu approvati jew diżapprovati l-metodoloġiji ta' prijoritizzazzjoni tal-Istati Membri abbażi ta' kriterji speċifiċi jkun assenti mit-test legali.

Fir-rigward tal-Fondi SIE, id-dispożizzjonijiet legali li jirregolawhom ma jipprovdux għal tali rwol tal-Kummissjoni b'għestjoni kondiviża fir-rigward tal-istabbiliment ta' kriterji għas-selezzjoni ta' operazzjonijiet, għat-tnedija ta' sejħiet għal proposti, għall-evalwazzjoni u għall-għażla ta' proġetti għall-finanzjament. Huwa r-rwol tal-Istati Membri li jorganizzaw dan il-proċess. Dan ma jinbidilx fil-proposta tal-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2027.

Madankollu, peress li l-prekundizzjonijiet tal-finanzjament (imsejħa kundizzjonijiet abilitanti) għall-appoġġ mill-FEŻR/ mill-Fond ta' Koeżjoni, għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet li l-investimenti fil-prevenzjoni tar-riskju u l-għestjoni għandhom ikunu konformi mal-pjan nazzjonali jew reġjonali għall-għestjoni tar-riskju. Dan huwa approċċ simili għall-perjodu 2014-2020, iżda ġie msaħħaħ u joffri li jħares lejn ir-riskji kollha b'mod integrat.

Fir-rigward tal-analiżi tal-kost-benefiċċju, il-Kummissjoni tinnota li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri, u tappoġġaha. Għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni proponiet li l-awtoritajiet ta' għestjoni għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni għandhom "*jiżguraw li operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ, l-attivitajiet imwettqa u l-kisba tal-obiettivi*". It-twettiq ta' analiżi tal-kost-benefiċċji jista' jkun għodda effettiva għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit ta' hawn fuq.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi u tappoġġa l-użu tal-metodoloġija stabbilita għall-analiżi tal-kost-benefiċċji.

L-ewwel inċiż: Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Għargħar tgħid li “*Il-pjanijiet għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar għandhom iqisu aspetti rilevanti bħall-kost-benefiċċji...*” [l-Artikolu 7(3), enfasi miżjud], jista' jiġi argumentat li l-kost-benefiċċji huma ċċitati bħala eżempju f'termini ta' aspetti li wieħed għandu jikkunsidra — u li l-kunsiderazzjoni tal-kost-benefiċċji mhix l-istess bħall analiżi tal-kost-benefiċċji. Barra minn hekk, huwa mfakkar li fl-Anness tad-Direttiva, l-analiżi tal-kost-benefiċċji biex tivvaluta l-miżuri b'effetti transnazzjonali għandha tkun komponent tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskju tal-għargħar, **meta disponibbli** [enfasi miżjud].

It-tieni inċiż: Kriterju rilevanti għall-użu mill-Istati Membri diġà jeżisti fid-Direttiva dwar l-Għargħar (l-Artikolu 7(4)): “*Fl-interess tas-solidarjetà, pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' l-għargħar stabbiliti fi Stat Membru wieħed m'għandhomx jinkludu miżuri li, bil-firxa u l-impatt tagħhom, iżidu b'mod sinifikattiv ir-riskji ta' għargħar 'il fuq jew 'l isfel f'pajjiżi oħra fl-istess baċin jew sotto-baċin tax-xmara, sakemm dawn il-miżuri ma' jkunux ġew ikkoordinati u tkun instabet soluzzjoni miftiehma fost l-Istati Membri konċernati fil-qafas ta' l-Artikolu 8.*”

Rakkomandazzjoni 4 — Tinkiseb il-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Filwaqt li bħalissa tinsab diġà fil-valutazzjoni tagħha tal-ewwel FRMPs tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tiċċekkja jekk l-Istati Membri għandhomx xi dispożizzjonijiet fis-seħħ u hux qed jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom skont l-FD u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (Water Framework Directive, WFD) u jekk l-oġġettivi ambjentali tad-WFD humiex mogħtija widen — u se tippubblika r-riżultati tagħha sa Diċembru 2018.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsisti dwar l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 4(7) tad-WFD fir-rigward ta' modifiki ġodda (inkluża l-infrastruttura tal-għargħar) għall-korpi tal-ilma. B'mod partikolari, f'termini ta' appoġġ lejn l-Istati Membri, id-Dokument ta' Gwida tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni (CIS) dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(7) tad-WFD ġie ippubblikat f'Jannar 2018 fuq is-sit web taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Komunikazzjoni u l-Infommazzjoni għall-Amministrazzjonijiet, in-Negozji u ċ-Ċittadini (CIRCABC)⁹.

Il-Kummissjoni se tinvestiga wkoll il-każijiet individwati jew li jinġiebu għall-attenzjoni tagħha li jkun ta' xkiel biex wieħed jilħaq l-oġġettiv tad-WFD, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 “*Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar*”.

Il-Kummissjoni tqis li din hija azzjoni kontinwa fir-rwol tagħha ta' gwardjan tal-liġi tal-UE.

Rakkomandazzjoni 5 – Ikun iċċekkjat li l-Istati Membri analizzaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ekoloġiċi flimkien mal-infrastruttura griża fejn xieraq

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Minn issa, f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Għargħar, fil-valutazzjoni tagħha tal-1^{el} FRMPs tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tiċċekkja jekk l-Istati Membri humiex qed jużaw Miżuri Naturali għar-Ritenzjoni tal-Ilma (tip partikolari ta' infrastruttura ekoloġika li tista' ttaffi l-għargħar) u jekk il-konservazzjoni tan-natura hijiex inkluża bħala tema fl-FRMPs. Hija se tagħmel il-konklużjonijiet tagħha pubbliċi sa Diċembru tal-2018.

Il-Kummissjoni diġà tirrakkomanda l-użu ta' infrastruttura ekoloġika, fejn rilevanti, fi proġetti kofinanzjati mill-UE. Madankollu, fir-rigward tal-fondi SIE, id-dispożizzjonijiet legali li

⁹ https://circabc.europa.eu/sd/a/e0352ec3-9f3b-4d91-bdbb-939185be3e89/CIS_Guidance_Article_4_7_FINAL.PDF

jirregolawhom ma jipprovdux għal tali rwol għall-Kummissjoni bil-ġestjoni kondiviża. Konsegwentement, il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tiċċekkja, kull meta jintuża l-kofinanzjament tal-UE, li l-Istati Membri jkunu analizzaw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' miżuri ekoloġiċi sinifikanti.

Rakkomandazzjoni 6 – Jiġu integrati aħjar l-effetti tat-tibdil fil-klima fl-immaniġġar tar-riskju tal-għargħar

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni diġà qiegħda tivvaluta kif l-Istati Membri kienu jikkunsidraw it-tibdil fil-klima fl-1^{el} FRMPs tagħhom - u se tippubblika r-riżultati tagħha sa Diċembru tal-2018. Hija għandha regolarment tivvaluta u tirrapporta dwar kif l-Istati Membri jintegraw l-effetti tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Artikoli 14(4) u 16 tad-Direttiva dwar l-Għargħar.

Id-data ta' implimentazzjoni fil-mira: F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-Għargħar, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-ewwel minn dawn ir-rapporti se jiġu ppubblikati sa Diċembru tal-2018 u sussegwentement kull sitt snin. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjoni se tkun implimentata b'mod sħiħ sa Diċembru 2024.

Rakkomandazzjoni 7 – Tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-benefiċċji tal-assigurazzjoni għal kontra l-għargħar u biex wieħed ifittex li jżid il-kopertura

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Ma hemm l-ebda obbligu fid-Direttiva dwar l-Għargħar għall-Istati Membri biex jinkludu l-assigurazzjoni bħala miżura fl-FRMPs tagħhom u l-informazzjoni dwar l-assigurazzjoni mhix disponibbli mill-Istati Membri kollha permezz tar-rapportar tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni bħalissa mhijiex f'pożizzjoni li tirrapporta dwar l-isforzi biex tiżdied il-kopertura tal-assigurazzjoni madwar l-UE. Madankollu, il-Kummissjoni diġà qiegħda tiċċekkja jekk u kif l-Istati Membri trattataw l-assigurazzjoni fl-1^{el} FRMPs tagħhom.

Il-Kummissjoni, madankollu, tappoġġa l-idea tas-sensibilizzazzjoni dwar l-opzjoni tal-assigurazzjoni kontra l-għargħar bħala mekkaniżmu ta' trasferiment tar-riskju. Li tiżdied il-kopertura tal-assigurazzjoni bħala parti minn strateġija ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar wiesgħa jista' jkun approċċ tajjeb biex jiġu trasferiti r-riskji. Il-benefiċċji tal-assigurazzjoni jiddependu minn kuntest regolatorju f'kull Stat Membru u l-karatteristiċi speċifiċi ta' riskju tal-għargħar f'dawk l-Istati Membri.

L-istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima fformulat azzjoni li hija konformi mar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-Istrateġija tal-UE għadha valida u din tagħraf ir-riskju tal-għargħar bħala wieħed mir-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima.

Id-data tal-implimentazzjoni fil-mira (tal-parti tar-rakkomandazzjoni aċċettata – Tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-assigurazzjoni): Il-Kummissjoni biħsiebha tippubblika l-valutazzjoni tagħha tal-FRMPs sa Diċembru 2018.

Rakkomandazzjoni 8 – Issir valutazzjoni tal-allinjament tal-FRMPs mar-regoli tal-ippjanar tal-użu tal-art

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Il-punt (a) jikkonċerna l-ippjanar tal-użu tal-art u r-regoli li jirregolawh huma kompetenza nazzjonali.

Il-punt (b) huwa diġà implimentat sa fejn hu possibbli filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-Artikolu 7 tal-FD jirreferi għall-ippjanar spazjali u l-użu (sostenibbli) tal-art bi kliem bħal "bħal" u

“jista’ jinkludi”, li t-tnejn li huma jistgħu jiġu interpretati bħala indikazzjoni u mhux bħala rekwiżit. Il-Kummissjoni fuq il-websajt tagħha ppubblikat ġabra ta’ linji gwida li jużaw l-Istati Membri biex jiddeterminaw iż-żoni suxxettibbli għall-għargħar u l-liġijiet u regolamenti rilevanti għall-ippjanar tal-użu tal-art fir-rigward tar-riskju tal-ghargħar¹⁰ – u diġà qed tiċċekkja jekk l-Istati Membri qisux l-użu tal-art fl-1^{el} FRMPs tagħhom u se tippubblika r-riżultati tagħha sa Diċembru 2018.

¹⁰ http://ec.europa.eu/environment/water/flood_risk/pdf/guides_flood_prone_areas_land_use.pdf

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	6.9.2017
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	11.7.2018
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	19.9.2018
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	23.10.2018

PDF

ISBN 978-92-847-0997-7

doi:10.2865/231929

QJ-AB-18-024-MT-N

HTML

ISBN 978-92-847-0989-2

doi:10.2865/620678

QJ-AB-18-024-MT-Q

L-għargħar jista' jikkawża korrimenti u telf ta' ħajja, spejjeż ekonomiċi konsiderevoli, u ħsara lill-ambjent u lill-wirt kulturali. Fl-Ewropa, l-għargħar serju sar aktar frekwenti. F'dawn l-aħħar snin, l-ammont ta' każijiet ta' għargħar għal għarrieda b'kobor minn medju sa kbir li ġew irreġistrati, aktar minn irdoppja meta mqabbel mal-każijiet irreġistrati lejn l-aħħar tas-snin tmenin. It-tibdil fil-klima huwa fattur aggravanti, li qed jikkawża bidliet fix-xejriet tal-preċipitazzjoni u tat-temp, żidiet fil-livell tal-baħar u, konsegwentement, għargħar aktar frekwenti u serju. B'rispons għall-inċidenza dejjem akbar ta' għargħar, l-UE adottat id-Direttiva dwar l-Għargħar fl-2007. Aħna sibna li, b'mod kumplessiv, din id-direttiva kellha effetti pożittivi, iżda li l-implimentazzjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-għargħar għandha ċerti dgħufijiet fl-allokazzjoni tal-finanzjament. L-Istati Membri bdew l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar, iżda jeħtieġ li jsir xi titjib. Għad fadal sfidi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati fil-futur f'dak li jirrigwarda l-ħtieġa li t-tibdil fil-klima, l-assigurazzjoni kontra l-għargħar u l-ippjanar spazjali jiġu integrati ferm aħjar fl-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.